Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2025/0132(COD)

6.11.2025

EMENDI
14 - 103

Abbozz ta' rapport
Lena Düpont
(PE778.391v01-00)

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2024/1348 fir-rigward tal-applikazzjoni tal-kunċett ta' "pajjiż terz sikur"

Proposta għal regolament
(COM(2025)0259 – C10-0088/2025 – 2025/0132(COD))

Emenda 14
Ilaria Salis, Özlem Demirel, Estrella Galán, Pernando Barrena Arza, Damien Carême

Proposta għal regolament
–

Proposta għal ċaħda

Il-Parlament Ewropew jiċħad il-proposta tal-Kummissjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din il-proposta biex jiġi emendat ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil għandha tiġi miċħuda peress li t-tneħħija tar-rekwiżit ta' konnessjoni fil-kunċett ta' "pajjiż terz sikur" kif ukoll l-effett sospensiv awtomatiku tal-appelli jimminaw serjament id-dritt għall-ażil u jżidu r-riskju ta' refoulement. Din il-proposta tippermetti trasferimenti lejn pajjiżi li l-applikanti ma jkollhom l-ebda konnessjoni magħhom, anke qabel ma jinstema' l-appell tagħhom, u b'hekk ir-responsabbiltajiet tal-UE jiġu ttrasferiti fuq pajjiżi terzi. Esternalizzazzjoni bħal din tikser id-dritt internazzjonali u dak tal-UE u effettivament ittemm id-dritt għall-ażil fl-Ewropa.

Emenda 15
Erik Marquardt

Proposta għal regolament
–

Proposta għal ċaħda

Il-Parlament Ewropew jiċħad il-proposta tal-Kummissjoni.

Or. en

Emenda 16
Cecilia Strada
f'isem il-Grupp S&D
Birgit Sippel, Murielle Laurent, Juan Fernando López Aguilar, Emma Rafowicz, Marco Tarquinio, Alessandro Zan, Ana Catarina Mendes, Francisco Assis

Proposta għal regolament
–

Proposta għal ċaħda

Il-Parlament Ewropew jiċħad il-proposta tal-Kummissjoni.

Or. en

Emenda 17
Erik Marquardt

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Ir-Regolament (UE) 2024/1348 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1] stabbilixxa proċedura komuni għall-għoti u l-irtirar ta' protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni. Il-Kummissjoni rrieżaminat id-diversi elementi tal-kunċett ta' pajjiż terz sikur, inklużi l-kriterji tas-sikurezza, il-proċess dovut, il-kriterju ta' konnessjoni u d-dispożizzjonijiet dwar rimedju effettiv. Ir-rieżami wassal ***għall-konklużjoni*** li kien hemm lok ***għal titjib tal-applikabbiltà*** tal-kunċett ta' pajjiż terz sikur***, filwaqt li jiġu ppreservati s-salvagwardji legali għall-applikanti u jiġi żgurat ir-rispett tad-drittijiet fundamentali***.	(1) Ir-Regolament (UE) 2024/1348 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1] stabbilixxa proċedura komuni għall-għoti u l-irtirar ta' protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni. Il-Kummissjoni rrieżaminat id-diversi elementi tal-kunċett ta' pajjiż terz sikur, inklużi l-kriterji tas-sikurezza, il-proċess dovut, il-kriterju ta' konnessjoni u d-dispożizzjonijiet dwar rimedju effettiv. Ir-rieżami wassal ***lill-Kummissjoni biex tikkonkludi*** li kien hemm lok ***biex tinbidel l-applikabbiltà*** tal-kunċett ta' pajjiż terz sikur.
[1] Ir-Regolament (UE) 2024/1348 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 li jistabbilixxi proċedura komuni għall-protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni u li jħassar id-Direttiva 2013/32/UE (ĠU L, 2024/1348, 22.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1348/oj).	[1] Ir-Regolament (UE) 2024/1348 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 li jistabbilixxi proċedura komuni għall-protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni u li jħassar id-Direttiva 2013/32/UE (ĠU L, 2024/1348, 22.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1348/oj).

Or. en

Emenda 18
Ewa Zajączkowska-Hernik

Proposta għal regolament
Premessa 1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) Sabiex jissaħħu l-effettività u l-kredibbiltà tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu japplikaw il-kunċett ta' pajjiż terz sikur b'mod aktar wiesa' u flessibbli. Użu usa' ta' dan il-mekkaniżmu, inkluży r-rikonoxximent tat-tranżitu bħala rabta suffiċjenti u l-konklużjoni ta' arranġamenti formali jew informali ma' pajjiżi terzi, jgħin biex jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi, jiġi evitat l-abbuż tal-proċeduri tal-ażil, u tissaħħaħ il-kapaċità tal-Unjoni li tirrispondi għall-pressjonijiet tal-migrazzjoni.

Or. en

Emenda 19
Fabrice Leggeri, Jorge Buxadé Villalba, Jaroslav Bžoch, Tom Vandendriessche, Nikola Bartůšek, António Tânger Corrêa, Matthieu Valet, Petra Steger

Proposta għal regolament
Premessa 1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) Meta l-Istati Membri jivvalutaw jekk pajjiż terz jissodisfax il-kundizzjonijiet biex jitqies bħala pajjiż terz sikur għall-finijiet tar-Regolament (UE) 2024/1348, jistgħu jikkunsidraw l-inklużjoni ta' pajjiż f'lista tal-Unjoni jew lista nazzjonali ta' pajjiżi ta' oriġini sikuri, kif imsemmi fl-Artikolu 61 ta' dak ir-Regolament, bħala indikazzjoni rilevanti tas-sitwazzjoni ġenerali tad-drittijiet tal-bniedem u tal-istabbiltà f'dak il-pajjiż.

Or. en

Emenda 20
Erik Marquardt

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) L-eżistenza ta' konnessjoni bejn l-applikant u l-pajjiż terz sikur ma hijiex meħtieġa mid-dritt internazzjonali dwar ir-refuġjati, b'mod partikolari l-Konvenzjoni ta' Ġinevra, jew id-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom il-possibbiltà li japplikaw il-kunċett ta' pajjiż terz sikur meta ma tkun tista' tiġi stabbilita l-ebda konnessjoni bejn l-applikant u l-pajjiż terz sikur ikkonċernat, dment li ftehim jew arranġament mal-pajjiż terz ikkonċernat ikun jeħtieġ l-eżami tal-merti tat-talbiet għal protezzjoni effettiva magħmula mill-applikanti soġġetti għal dak il-ftehim jew l-arranġament.	***imħassar***

Or. en

Emenda 21
Ana Catarina Mendes, Birgit Sippel, Juan Fernando López Aguilar, Murielle Laurent, Francisco Assis

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) L-eżistenza ta' konnessjoni bejn l-applikant u l-pajjiż terz sikur ma hijiex meħtieġa mid-dritt internazzjonali dwar ir-refuġjati, b'mod partikolari l-	***imħassar***

Konvenzjoni ta' Ġinevra, jew id-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom il-possibbiltà li japplikaw il-kunċett ta' pajjiż terz sikur meta ma tkun tista' tiġi stabbilita l-ebda konnessjoni bejn l-applikant u l-pajjiż terz sikur ikkonċernat, dment li ftehim jew arranġament mal-pajjiż terz ikkonċernat ikun jeħtieġ l-eżami tal-merti tat-talbiet għal protezzjoni effettiva magħmula mill-applikanti soġġetti għal dak il-ftehim jew l-arranġament.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ma hemm l-ebda proporzjonalità għal dispożizzjoni li tagħmel l-aċċess għall-ażil fl-Unjoni lotterija skont l-Istat Membru li fih issir dik l-applikazzjoni u jekk isirx użu minn dispożizzjoni li tippermetti r-rifjut tal-ażil abbażi ta' arranġamenti mhux vinkolanti – u mhux magħrufa mill-pubbliku ġenerali – ma' kwalunkwe pajjiż terz fid-dinja. Għall-Istati Membri li jistgħu jagħżlu li japplikaw tali dispożizzjoni, dan jimmarka t-tmiem tad-dritt għall-ażil f'dak l-Istat Membru, bi ksur tad-dritt primarju tal-UE.

Emenda 22
Fabienne Keller, Jan-Christoph Oetjen, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Abir Al-Sahlani, Irena Joveva, Nikola Minchev

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) L-eżistenza ta' konnessjoni bejn l-applikant u l-pajjiż terz sikur ma hijiex meħtieġa mid-dritt internazzjonali dwar ir-refuġjati, b'mod partikolari l-Konvenzjoni ta' Ġinevra, jew id-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom il-possibbiltà li japplikaw il-kunċett ta' pajjiż terz sikur meta ma tkun	***imħassar***

tista' tiġi stabbilita l-ebda konnessjoni bejn l-applikant u l-pajjiż terz sikur ikkonċernat, dment li ftehim jew arranġament mal-pajjiż terz ikkonċernat ikun jeħtieġ l-eżami tal-merti tat-talbiet għal protezzjoni effettiva magħmula mill-applikanti soġġetti għal dak il-ftehim jew l-arranġament.

Or. en

Emenda 23
Fabrice Leggeri, Jorge Buxadé Villalba, Jaroslav Bžoch, Tom Vandendriessche, Nikola Bartůšek, António Tânger Corrêa, Matthieu Valet, Petra Steger

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) L-eżistenza ta' konnessjoni bejn l-applikant u l-pajjiż terz sikur ma hijiex meħtieġa mid-dritt internazzjonali dwar ir-refuġjati, b'mod partikolari l-Konvenzjoni ta' Ġinevra, jew id-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom il-possibbiltà li japplikaw il-kunċett ta' pajjiż terz sikur meta ma tkun tista' tiġi stabbilita l-ebda konnessjoni bejn l-applikant u l-pajjiż terz sikur ikkonċernat, dment li ftehim jew arranġament ***mal-pajjiż*** terz ikkonċernat ikun jeħtieġ l-eżami tal-merti tat-talbiet għal protezzjoni effettiva magħmula mill-applikanti soġġetti għal dak il-ftehim jew l-arranġament.	(2) L-eżistenza ta' konnessjoni bejn l-applikant u l-pajjiż terz sikur ma hijiex meħtieġa mid-dritt internazzjonali dwar ir-refuġjati, b'mod partikolari l-Konvenzjoni ta' Ġinevra, jew id-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom il-possibbiltà li japplikaw il-kunċett ta' pajjiż terz sikur meta ma tkun tista' tiġi stabbilita l-ebda konnessjoni bejn l-applikant u l-pajjiż terz sikur ikkonċernat, dment li ftehim ***legalment vinkolanti*** jew arranġament ***formali jew informali mhux vinkolanti bejn Stat Membru wieħed, jew aktar, u l-pajjiż*** terz ikkonċernat ikun jeħtieġ l-eżami tal-merti tat-talbiet għal protezzjoni effettiva magħmula mill-applikanti soġġetti għal dak il-ftehim jew l-arranġament.

Or. en

Emenda 24
Ewa Zajączkowska-Hernik

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) L-eżistenza ta' konnessjoni bejn l-applikant u l-pajjiż terz sikur ma hijiex meħtieġa mid-dritt internazzjonali dwar ir-refuġjati, b'mod partikolari l-Konvenzjoni ta' Ġinevra, jew id-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom il-possibbiltà li japplikaw il-kunċett ta' pajjiż terz sikur meta ma tkun tista' tiġi stabbilita l-ebda konnessjoni bejn l-applikant u l-pajjiż terz sikur ikkonċernat, dment li ftehim jew arranġament mal-pajjiż terz ikkonċernat ikun jeħtieġ l-eżami tal-merti tat-talbiet għal protezzjoni effettiva magħmula mill-applikanti soġġetti għal dak il-ftehim jew l-arranġament.	(2) L-eżistenza ta' konnessjoni bejn l-applikant u l-pajjiż terz sikur ma hijiex meħtieġa mid-dritt internazzjonali dwar ir-refuġjati, b'mod partikolari l-Konvenzjoni ta' Ġinevra, jew id-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom il-possibbiltà li japplikaw il-kunċett ta' pajjiż terz sikur meta ma tkun tista' tiġi stabbilita l-ebda konnessjoni bejn l-applikant u l-pajjiż terz sikur ikkonċernat, dment li ***jkun ġie konkluż*** ftehim ***legalment vinkolanti*** jew arranġament ***formali jew informali mhux vinkolanti*** mal-pajjiż terz ikkonċernat li jkun jeħtieġ l-eżami tal-merti tat-talbiet għal protezzjoni effettiva magħmula mill-applikanti soġġetti għal dak il-ftehim jew l-arranġament.

Or. en

Emenda 25
Jaroslav Bžoch

Proposta għal regolament
Premessa 2a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni u biex jiġu evitati prattiki diverġenti fost l-Istati Membri, jenħtieġ li jitħeġġeġ l-użu ta' ftehimiet jew arranġamenti konklużi mill-Unjoni ma' pajjiżi terzi, mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li jiġu konklużi ftehimiet jew arranġamenti ma'

pajjiżi terzi minn Stat Membru wieħed jew aktar. Tali strumenti fil-livell tal-Unjoni jipprovdu qafas legali u proċedurali komuni għall-kooperazzjoni dwar l-ażil u l-migrazzjoni, jiżguraw il-konformità mad-dritt u l-istandards tal-Unjoni, u jsaħħu l-fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri fl-applikazzjoni tal-kunċett ta' pajjiż terz sikur.

Or. en

Emenda 26
Fabrice Leggeri, Jorge Buxadé Villalba, Jaroslav Bžoch, Tom Vandendriessche, Nikola Bartůšek, António Tânger Corrêa, Matthieu Valet, Petra Steger

Proposta għal regolament
Premessa 2a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) Sabiex tissaħħaħ il-fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri fl-applikazzjoni tal-kunċett ta' pajjiż terz sikur u biex jiġi żgurat infurzar effiċjenti tar-Regolament, l-Istati Membri li ffirmaw jew li huma qrib li jikkonkludu ftehimiet jew arranġamenti ma' pajjiżi terzi jistgħu jfittxu li jinvolvu Stati Membri volontarji oħra fil-proċess.

Or. en

Emenda 27
Fabrice Leggeri, Jorge Buxadé Villalba, Tom Vandendriessche, Nikola Bartůšek, António Tânger Corrêa, Matthieu Valet

Proposta għal regolament
Premessa 2b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2b) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe ftehim jew arranġament bejn Stat Membru u pajjiż terz, il-Kunsill jista' jikkunsidra li

jagħti struzzjonijiet lill-Kummissjoni biex tikkonkludi wieħed.

Or. en

Emenda 28
Fabienne Keller, Irena Joveva, Nikola Minchev

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Jenħtieġ li l-Istati Membri ***jkollhom il-possibbiltà li*** japplikaw il-kunċett ta' pajjiż terz sikur abbażi ta' konnessjoni bejn l-applikant u l-pajjiż terz ikkonċernat, li permezz tagħha jkun raġonevoli għall-applikant li jmur f'dak il-pajjiż terz.	(3) Jenħtieġ li l-Istati Membri japplikaw il-kunċett ta' pajjiż terz sikur abbażi ta' konnessjoni bejn l-applikant u l-pajjiż terz ikkonċernat, li permezz tagħha jkun raġonevoli għall-applikant li jmur f'dak il-pajjiż terz. ***Jenħtieġ li l-konnessjoni bejn l-applikant u l-pajjiż terz sikur titqies stabbilita meta l-membri tal-familja tal-applikant ikunu preżenti f'dak il-pajjiż, meta l-applikant ikun irrisjeda jew qagħad f'dak il-pajjiż qabel, jew meta jkollu rabtiet oħra ma' dan il-pajjiż, bħall-istess lingwa jew lingwa simili, l-istess reliġjon jew rabtiet kulturali u ġeografiċi oħra.***

Or. en

Emenda 29
Jan-Christoph Oetjen, Irena Joveva, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Abir Al-Sahlani, Hilde Vautmans

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Jenħtieġ li ***l-Istati Membri jkollhom il-possibbiltà li japplikaw il-kunċett*** ta' pajjiż terz sikur ***abbażi ta'*** konnessjoni bejn l-applikant u l-pajjiż terz ***ikkonċernat,*** li ***permezz*** tagħha jkun	(3) Jenħtieġ li ***Stat Membru jkun jista' japplika l-kunċett*** ta' pajjiż terz sikur ***biss meta jkun hemm*** konnessjoni bejn l-applikant u l-pajjiż terz li ***abbażi*** tagħha jkun raġonevoli għall-applikant li jmur

raġonevoli għall-applikant li jmur f'dak il-pajjiż terz.

f'dak il-pajjiż terz. ***Il-konnessjoni bejn l-applikant u l-pajjiż terz sikur tista' tiġi kkunsidrata stabbilita b'mod partikolari meta l-membri tal-familja tal-applikant ikunu preżenti f'dak il-pajjiż jew meta l-applikant ikun irrisjeda jew qagħad f'dak il-pajjiż. It-tranżitu minn applikant għal protezzjoni internazzjonali minn pajjiż terz ma jistax jikkostitwixxi konnessjoni suffiċjenti.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-formulazzjoni tar-Regolament (UE) 2024/1348 (Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil), il-Premessa 48 u s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-564/18.

Emenda 30
Tomáš Zdechovský

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom il-possibbiltà li japplikaw il-kunċett ta' pajjiż terz sikur abbażi ta' konnessjoni bejn l-applikant u l-pajjiż terz ikkonċernat, li permezz tagħha jkun raġonevoli għall-applikant li jmur f'dak il-pajjiż terz.	(3) Jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom il-possibbiltà li japplikaw il-kunċett ta' pajjiż terz sikur abbażi ta' konnessjoni bejn l-applikant u l-pajjiż terz ikkonċernat, ***dment li l-pajjiż terz ikun kapaċi jiżgura b'mod ċar/evidenti aċċess effettiv għall-proċeduri ta' protezzjoni u jiggarantixxi l-konformità mal-istandards internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem u tal-istat tad-dritt,*** li permezz tagħha jkun raġonevoli għall-applikant li jmur f'dak il-pajjiż terz.

Or. en

Emenda 31
Fabrice Leggeri, Jorge Buxadé Villalba, Jaroslav Bžoch, Tom Vandendriessche, Nikola Bartůšek, António Tânger Corrêa, Matthieu Valet, Petra Steger

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom il-possibbiltà li japplikaw il-kunċett ta' pajjiż terz sikur abbażi ta' konnessjoni bejn l-applikant u l-pajjiż terz ikkonċernat, li permezz tagħha jkun raġonevoli għall-applikant li jmur f'dak il-pajjiż terz.	(3) Jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom il-possibbiltà li japplikaw il-kunċett ta' pajjiż terz sikur abbażi ta' konnessjoni bejn l-applikant u l-pajjiż terz ikkonċernat, li permezz tagħha jkun raġonevoli għall-applikant li jmur f'dak il-pajjiż terz. ***Tali konnessjoni tista' tiġi stabbilita, inter alia, jekk l-applikant ikollu rabtiet familjari, kulturali, lingwistiċi, ekonomiċi jew rabtiet simili oħra ma' dak il-pajjiż jew ikun qagħad hemm.***

Or. en

Emenda 32
Erik Marquardt

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom il-possibbiltà li japplikaw il-kunċett ta' pajjiż terz sikur abbażi ta' konnessjoni bejn l-applikant u l-pajjiż terz ikkonċernat, li permezz tagħha jkun raġonevoli għall-applikant li jmur f'dak il-pajjiż terz.	(3) Jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom il-possibbiltà li japplikaw il-kunċett ta' pajjiż terz sikur ***biss*** abbażi ta' konnessjoni***, jiġifieri rabta ġenwina[1a]*** bejn l-applikant u l-pajjiż terz ikkonċernat, li permezz tagħha jkun raġonevoli għall-applikant li jmur f'dak il-pajjiż terz.

[1a] Il-Kawża C-821/19 tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

Or. en

Emenda 33
Erik Marquardt

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom ukoll il-possibbiltà li japplikaw il-kunċett ta' pajjiż terz sikur għal applikanti li jkunu għaddew mit-territorju ta' pajjiż terz qabel ma daħlu fl-Unjoni, minħabba li huwa raġonevoli li wieħed jistenna li persuna li tkun qed tfittex protezzjoni internazzjonali setgħet applikat għal protezzjoni f'pajjiż terz sikur li minnu għaddiet dik il-persuna. It-tranżitu preċedenti minn pajjiż terz sikur jipprovdi rabta oġġettiva bejn l-applikant u l-pajjiż terz ikkonċernat.	***imħassar***

Or. en

Emenda 34
Ana Catarina Mendes, Birgit Sippel, Juan Fernando López Aguilar, Murielle Laurent, Francisco Assis

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom ukoll il-possibbiltà li japplikaw il-kunċett ta' pajjiż terz sikur għal applikanti li jkunu għaddew mit-territorju ta' pajjiż terz qabel ma daħlu fl-Unjoni, minħabba li huwa raġonevoli li wieħed jistenna li persuna li tkun qed tfittex protezzjoni internazzjonali setgħet applikat għal protezzjoni f'pajjiż terz sikur li minnu għaddiet dik il-persuna. It-tranżitu preċedenti minn pajjiż terz sikur jipprovdi rabta oġġettiva bejn l-applikant u l-pajjiż terz ikkonċernat.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-564/18 LH sostniet b'mod ċar li t-tranżitu waħdu ma jikkostitwixxix konnessjoni ma' pajjiż terz.

Emenda 35
Jan-Christoph Oetjen, Irena Joveva, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Abir Al-Sahlani, Hilde Vautmans

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom ukoll il-possibbiltà li japplikaw il-kunċett ta' pajjiż terz sikur għal applikanti li jkunu għaddew mit-territorju ta' pajjiż terz qabel ma daħlu fl-Unjoni, minħabba li huwa raġonevoli li wieħed jistenna li persuna li tkun qed tfittex protezzjoni internazzjonali setgħet applikat għal protezzjoni f'pajjiż terz sikur li minnu għaddiet dik il-persuna. It-tranżitu preċedenti minn pajjiż terz sikur jipprovdi rabta oġġettiva bejn l-applikant u l-pajjiż terz ikkonċernat.	***imħassar***

Or. en

Emenda 36
Ewa Zajączkowska-Hernik

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom ukoll il-possibbiltà li japplikaw il-kunċett ta' pajjiż terz sikur għal applikanti li jkunu għaddew mit-territorju ta' pajjiż terz qabel ma daħlu fl-Unjoni, minħabba li huwa raġonevoli li wieħed jistenna li persuna li tkun qed tfittex protezzjoni internazzjonali	(4) Jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom ukoll il-possibbiltà li japplikaw il-kunċett ta' pajjiż terz sikur għal applikanti li jkunu għaddew mit-territorju ta' pajjiż terz qabel ma daħlu fl-Unjoni, minħabba li huwa raġonevoli li wieħed jistenna li persuna li tkun qed tfittex protezzjoni internazzjonali

setgħet applikat għal protezzjoni f'pajjiż terz sikur li minnu għaddiet dik il-persuna. It-tranżitu preċedenti minn pajjiż terz sikur jipprovdi rabta oġġettiva bejn l-applikant u l-pajjiż terz ikkonċernat.	setgħet applikat għal protezzjoni f'pajjiż terz sikur li minnu għaddiet dik il-persuna. It-tranżitu preċedenti minn pajjiż terz sikur jipprovdi rabta oġġettiva bejn l-applikant u l-pajjiż terz ikkonċernat. ***Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu liberi li jiddefinixxu fid-dritt nazzjonali tagħhom x'jikkostitwixxi tranżitu minn pajjiż terz. Tali tranżitu jista' b'mod partikolari jinkludi sitwazzjonijiet meta l-applikant għall-protezzjoni kien preżenti fiż-żona ta' tranżitu jew fit-territorju ta' ajruport ta' pajjiż terz, baqa' fil-fruntiera tiegħu, jew kellu l-opportunità li jitlob protezzjoni mill-awtoritajiet ta' dak il-pajjiż.***
	Or. en

Emenda 37
Tomáš Zdechovský

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom ukoll il-possibbiltà li japplikaw il-kunċett ta' pajjiż terz sikur għal applikanti li jkunu għaddew mit-territorju ta' pajjiż terz qabel ma daħlu fl-Unjoni, minħabba li huwa raġonevoli li wieħed jistenna li persuna li tkun qed tfittex protezzjoni internazzjonali setgħet applikat għal protezzjoni f'pajjiż terz sikur li minnu għaddiet dik il-persuna. It-tranżitu preċedenti minn pajjiż terz sikur jipprovdi rabta oġġettiva bejn l-applikant u l-pajjiż terz ikkonċernat.	(4) Jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom ukoll il-possibbiltà li japplikaw il-kunċett ta' pajjiż terz sikur għal applikanti li jkunu għaddew mit-territorju ta' pajjiż terz qabel ma daħlu fl-Unjoni, minħabba li huwa raġonevoli li wieħed jistenna li persuna li tkun qed tfittex protezzjoni internazzjonali setgħet applikat għal protezzjoni f'pajjiż terz sikur li minnu għaddiet dik il-persuna. It-tranżitu preċedenti minn pajjiż terz sikur jipprovdi rabta oġġettiva bejn l-applikant u l-pajjiż terz ikkonċernat. ***F'każijiet bħal dawn, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li r-ritorn tal-applikant lejn dak il-pajjiż jitwettaq malajr u b'mod effettiv, b'rispett sħiħ tal-prinċipju ta' non-refoulement.***
	Or. en

Emenda 38
Fabienne Keller, Abir Al-Sahlani, Irena Joveva, Michael McNamara, Nikola Minchev

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom ukoll il-possibbiltà li japplikaw il-kunċett ta' pajjiż terz sikur għal applikanti li jkunu għaddew mit-territorju ta' pajjiż terz qabel ma daħlu fl-Unjoni, ***minħabba li huwa raġonevoli li wieħed jistenna*** li ***persuna li tkun qed tfittex protezzjoni internazzjonali setgħet applikat għal protezzjoni f'pajjiż terz sikur*** li ***minnu għaddiet dik il-persuna. It-tranżitu preċedenti minn pajjiż*** terz ***sikur jipprovdi rabta oġġettiva bejn l-applikant u l-pajjiż terz ikkonċernat***.	(4) Jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom ukoll il-possibbiltà li japplikaw il-kunċett ta' pajjiż terz sikur għal applikanti li jkunu għaddew mit-territorju ta' pajjiż terz qabel ma daħlu fl-Unjoni, ***dment*** li ***jkun hemm rabta ta' konnessjoni bejn l-applikanti u dak il-pajjiż ta' tranżitu, u*** li ***jkunu qagħdu fit-territorju tal-pajjiż*** terz ***li jkunu għaddew minnu għal perjodu ta' żmien sinifikanti***.

Or. en

Emenda 39
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom ukoll il-possibbiltà li japplikaw il-kunċett ta' pajjiż terz sikur għal applikanti li jkunu għaddew mit-territorju ta' pajjiż terz qabel ma daħlu fl-Unjoni, minħabba li huwa raġonevoli li wieħed jistenna li persuna li tkun qed tfittex protezzjoni internazzjonali ***setgħet*** applikat għal protezzjoni f'pajjiż terz sikur li minnu għaddiet dik il-persuna. It-tranżitu preċedenti minn pajjiż terz sikur jipprovdi rabta oġġettiva bejn l-applikant u l-pajjiż terz ikkonċernat.	(4) Jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom ukoll il-possibbiltà li japplikaw il-kunċett ta' pajjiż terz sikur għal applikanti li jkunu għaddew mit-territorju ta' pajjiż terz qabel ma daħlu fl-Unjoni, minħabba li huwa raġonevoli li wieħed jistenna li persuna li tkun qed tfittex protezzjoni internazzjonali ***kellha tapplika*** għal protezzjoni f'pajjiż terz sikur li minnu għaddiet dik il-persuna. It-tranżitu preċedenti minn pajjiż terz sikur jipprovdi rabta oġġettiva bejn l-applikant u l-pajjiż terz ikkonċernat.

Or. fi

Emenda 40
Nicola Procaccini, Alessandro Ciriani

Proposta għal regolament
Premessa 4a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4a) Minħabba l-ħtieġa li tissaħħaħ il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi dwar l-indirizzar tal-migrazzjoni irregolari lejn l-Unjoni, jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom ukoll il-possibbiltà li japplikaw il-kunċett ta' pajjiż terz sikur abbażi ta' ftehim legalment vinkolanti jew arranġament formali jew informali mhux vinkolanti, irrispettivament mid-dežinjazzjoni formali tagħhom, konklużmal-pajjiż terz ikkonċernat, dment li l-ftehim jew l-arranġament ikun fih dispożizzjonijiet li jeħtieġu l-eżami talmerti ta' kwalunkwe talba għal protezzjoni effettiva magħmula f'dak il-pajjiż terz minn applikanti soġġetti għall-ftehim jew għall-arranġament. Bil-ħsieb li tiġi żgurata kooperazzjoni aktar mill-qrib fl-Unjoni biex jinkisbu l-objettivi komuni fil-qasam tal-migrazzjoni, jenħtieġ li dan ir-Regolament jippermetti lill-Istati Membri japplikaw il-kunċett ta'' pajjiż terz sikur għall-applikanti skont ftehimiet li għalihom l-Unjoni, Stat Membru wieħed jew aktar tagħha jew Stat Membru wieħed jew aktar u pajjiżi terzi, minn naħa waħda, u l-pajjiż terz sikur ikkonċernat, min-naħa l-oħra, ikunu partijiet.

Or. en

Emenda 41
Fabrice Leggeri, Jorge Buxadé Villalba, Jaroslav Bžoch, Tom Vandendriessche, Nikola Bartůšek, António Tânger Corrêa, Matthieu Valet, Petra Steger

Proposta għal regolament
Premessa 4a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4a) L-Istati Membri li japplikaw il-kunċett ta' pajjiż terz sikur jenħtieġ li jagħmlu użu sħiħ mir-raġunijiet kollha stabbiliti fir-Regolament (UE) 2024/1348 qabel ma jeżaminaw applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali fuq il-merti tagħha. Għalhekk jenħtieġ li jivvalutaw, b'mod komprensiv, jekk il-kundizzjonijiet relatati ma' konnessjoni, tranżitu, jew ftehim jew arranġament eżistenti mal-pajjiż terz ikkonċernat jistgħux jiġu applikati b'mod effettiv.

Or. en

Emenda 42
Fabrice Leggeri, Jorge Buxadé Villalba, Jaroslav Bžoch, Tom Vandendriessche, Nikola Bartůšek, António Tânger Corrêa, Matthieu Valet, Petra Steger

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) ***Minħabba s-sitwazzjoni ta' vulnerabbiltà ta' minuri mhux akkumpanjati u l-ħtieġa għal appoġġ immirat, jenħtieġ li l-kunċett ta' pajjiż terz sikur jiġi applikat għal minuri mhux akkumpanjati biss meta jkunu jistgħu jiġu stabbiliti konnessjoni jew tranżitu mal-pajjiż terz ikkonċernat u jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 59(6) tar-Regolament (UE) 2024/1348 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.*** Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-aħjar interessi tat-tfal ikunu kunsiderazzjoni primarja fid-deċiżjonijiet kollha li jikkonċernaw il-minuri.	(5) Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-aħjar interessi tat-tfal ikunu kunsiderazzjoni primarja fid-deċiżjonijiet kollha li jikkonċernaw il-minuri.

Or. en

Emenda 43
Ewa Zajączkowska-Hernik

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Minħabba s-sitwazzjoni ta' vulnerabbiltà ta' minuri mhux akkumpanjati u l-ħtieġa għal appoġġ immirat, jenħtieġ li l-kunċett ta' pajjiż terz sikur jiġi applikat għal minuri mhux akkumpanjati biss meta jkunu jistgħu jiġu stabbiliti konnessjoni jew tranżitu mal-pajjiż terz ikkonċernat u jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 59(6) tar-Regolament (UE) 2024/1348 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Jenħtieġ li l-Istati Membri ***jiżguraw*** li ***l-aħjar interessi tat-tfal ikunu kunsiderazzjoni primarja fid-deċiżjonijiet kollha li jikkonċernaw il-minuri***.	(5) Minħabba s-sitwazzjoni ta' vulnerabbiltà ta' minuri mhux akkumpanjati u l-ħtieġa ta' appoġġ immirat, jenħtieġ li l-kunċett ta' pajjiż terz sikur jiġi applikat għal minuri mhux akkumpanjati biss meta jkunu jistgħu jiġu stabbiliti konnessjoni jew tranżitu mal-pajjiż terz ikkonċernat u jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 59(6) tar-Regolament (UE) 2024/1348 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. ***Madankollu, meta jkun hemm tħassib ġustifikat li l-minuri mhux akkumpanjat jista' jipperikola s-sigurtà nazzjonali jew l-ordni pubbliku, jew ikun ta' theddida għas-sikurezza ta' ħaddieħor, b'mod partikolari n-nisa u t-tfal,*** jenħtieġ li l-Istati Membri ***jkunu intitolati bis-sħiħ*** li ***japplikaw il-kunċett ta' pajjiż terz sikur f'konformità mal-ftehimiet jew l-arranġamenti konklużi mal-pajjiż terz ikkonċernat, sabiex jissalvagwardjaw is-sigurtà u l-integrità tas-soċjetà tagħhom***.

Or. en

Emenda 44
Ana Catarina Mendes, Birgit Sippel, Juan Fernando López Aguilar, Murielle Laurent, Francisco Assis

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Minħabba s-sitwazzjoni ta' vulnerabbiltà ta' minuri mhux akkumpanjati u ***l-ħtieġa għal appoġġ immirat, jenħtieġ li l-kunċett ta' pajjiż terz***	(5) Minħabba s-sitwazzjoni ta' vulnerabbiltà ta' minuri mhux akkumpanjati u ***peress*** li l-Istati Membri ***huma obbligati*** jiżguraw li l-aħjar interessi

sikur jiġi applikat għal minuri mhux akkumpanjati biss meta jkunu jistgħu jiġu stabbiliti konnessjoni jew tranżitu mal-pajjiż terz ikkonċernat u jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 59(6) tar-Regolament (UE) 2024/1348 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-aħjar interessi tat-tfal ikunu kunsiderazzjoni primarja fid-deċiżjonijiet kollha li jikkonċernaw il-minuri.	tat-tfal ikunu kunsiderazzjoni primarja fid-deċiżjonijiet kollha li jikkonċernaw il-minuri***, il-kunċett ta' pajjiż terz sikur m'għandux jiġi applikat għall-minuri***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-minuri kollha huma vulnerabbli. Huwa propju minħabba f'hekk li għandna l-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal. Il-Kummissjoni tipproponi li fil-proposta tagħha dwar ir-Ritorn teskludi lill-minuri mhux akkumpanjati u lill-familji b'minuri miċ-Ċentri ta' Ritorn. Huwa impossibbli li wieħed jifhem kif id-dispożizzjonijiet dwar pajjiżi terzi sikuri għandhom jiġu ttrattati b'mod differenti.

Emenda 45
Jan-Christoph Oetjen, Irena Joveva, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Abir Al-Sahlani, Michael McNamara, Hilde Vautmans

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Minħabba s-sitwazzjoni ta' vulnerabbiltà ta' minuri mhux akkumpanjati u l-ħtieġa għal appoġġ immirat, jenħtieġ li l-kunċett ta' pajjiż terz sikur jiġi applikat għal minuri mhux akkumpanjati biss meta ***jkunu jistgħu jiġu stabbiliti*** konnessjoni ***jew tranżitu*** mal-pajjiż terz ikkonċernat u jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 59(6) tar-Regolament (UE) 2024/1348 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-aħjar interessi tat-tfal ikunu kunsiderazzjoni primarja fid-deċiżjonijiet kollha li jikkonċernaw il-minuri.	(5) Minħabba s-sitwazzjoni ta' vulnerabbiltà ta' minuri mhux akkumpanjati u l-ħtieġa għal appoġġ immirat, jenħtieġ li l-kunċett ta' pajjiż terz sikur jiġi applikat għal ***familji b'minuri u*** minuri mhux akkumpanjati biss meta ***tkun tista' tiġi stabbilita*** konnessjoni mal-pajjiż terz ikkonċernat u jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet ***għall-minuri mhux akkumpanjati*** tal-Artikolu 59(6) tar-Regolament (UE) 2024/1348 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-aħjar interessi tat-tfal ikunu kunsiderazzjoni primarja fid-deċiżjonijiet kollha li jikkonċernaw il-minuri.

Or. en

Emenda 46
Nadine Morano

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) ***Minħabba s-sitwazzjoni ta' vulnerabbiltà ta' minuri mhux akkumpanjati u l-ħtieġa għal appoġġ immirat,*** jenħtieġ li l-kunċett ta' pajjiż terz sikur jiġi applikat għal minuri mhux akkumpanjati ***biss meta jkunu jistgħu jiġu stabbiliti konnessjoni jew tranżitu mal-pajjiż*** terz ***ikkonċernat u jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 59(6) tar-Regolament (UE) 2024/1348 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-aħjar interessi tat-tfal ikunu kunsiderazzjoni primarja fid-deċiżjonijiet kollha li jikkonċernaw il-minuri***.	(5) ***Sabiex tissaħħaħ l-effettività tal-politika dwar il-migrazzjoni, b'mod partikolari l-politika dwar ir-ritorn li hija maħsuba biex tiġi applikata għaċ-ċittadini kollha ta' pajjiżi terzi li jirrisjedu illegalment fl-UE, irrispettivament mill-età u mis-sitwazzjoni tagħhom,*** jenħtieġ li l-kunċett ta' pajjiż terz sikur jiġi applikat għal minuri mhux akkumpanjati***, filwaqt li jitqiesu, b'mod partikolari, il-ħtieġa ta' appoġġ immirat u msaħħaħ fil-kuntest tas-sitwazzjoni vulnerabbli li jkunu jinsabu fiha, iżda anke l-aħjar interessi tagħhom***.

Or. fr

Emenda 47
Fabienne Keller, Jan-Christoph Oetjen, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Abir Al-Sahlani, Irena Joveva, Michael McNamara, Nikola Minchev, Sophie Wilmès

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Minħabba s-sitwazzjoni ta' vulnerabbiltà ta' minuri mhux akkumpanjati u l-ħtieġa għal appoġġ immirat, jenħtieġ li l-kunċett ta' pajjiż terz sikur jiġi applikat għal minuri mhux akkumpanjati biss meta ***jkunu jistgħu jiġu stabbiliti*** konnessjoni ***jew tranżitu*** mal-pajjiż terz ikkonċernat u jiġu ssodisfati l-	(5) Minħabba s-sitwazzjoni ta' vulnerabbiltà ta' minuri mhux akkumpanjati u l-ħtieġa għal appoġġ immirat, jenħtieġ li l-kunċett ta' pajjiż terz sikur jiġi applikat għal minuri mhux akkumpanjati biss meta ***tkun tista' tiġi stabbilita*** konnessjoni mal-pajjiż terz ikkonċernat u jiġu ssodisfati l-

kundizzjonijiet tal-Artikolu 59(6) tar-Regolament (UE) 2024/1348 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-aħjar interessi tat-tfal ikunu kunsiderazzjoni primarja fid-deċiżjonijiet kollha li jikkonċernaw il-minuri.	kundizzjonijiet tal-Artikolu 59(6) tar-Regolament (UE) 2024/1348 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-aħjar interessi tat-tfal ikunu kunsiderazzjoni primarja fid-deċiżjonijiet kollha li jikkonċernaw il-minuri.

Or. en

Emenda 48
Erik Marquardt

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Minħabba s-sitwazzjoni ta' vulnerabbiltà ta' minuri mhux akkumpanjati u l-ħtieġa għal appoġġ immirat, jenħtieġ li l-kunċett ta' pajjiż terz sikur jiġi applikat għal minuri mhux akkumpanjati biss meta ***jkunu jistgħu jiġu stabbiliti*** konnessjoni ***jew tranżitu*** mal-pajjiż terz ikkonċernat u jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 59(6) tar-Regolament (UE) 2024/1348 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-aħjar interessi tat-tfal ikunu kunsiderazzjoni primarja fid-deċiżjonijiet kollha li jikkonċernaw il-minuri.	(5) Minħabba s-sitwazzjoni ta' vulnerabbiltà ta' minuri mhux akkumpanjati u l-ħtieġa għal appoġġ immirat, jenħtieġ li l-kunċett ta' pajjiż terz sikur jiġi applikat għal minuri mhux akkumpanjati biss meta ***tkun tista' tiġi stabbilita*** konnessjoni mal-pajjiż terz ikkonċernat u jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 59(6) tar-Regolament (UE) 2024/1348 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-aħjar interessi tat-tfal ikunu kunsiderazzjoni primarja fid-deċiżjonijiet kollha li jikkonċernaw il-minuri.

Or. en

Emenda 49
Fabrice Leggeri, Jorge Buxadé Villalba, Jaroslav Bžoch, Tom Vandendriessche, Nikola Bartůšek, António Tânger Corrêa, Matthieu Valet, Petra Steger

Proposta għal regolament
Premessa 5a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5a) Sabiex jinkiseb infurzar effiċjenti tad-dispożizzjonijiet rigward il-minuri mhux akkumpanjati, u biex jiġi żgurat li jitqiesu l-interessi leġittimi tagħhom, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti l-għodod rilevanti sabiex tiġi ddeterminata l-età reali tal-applikanti.

Or. en

Emenda 50
Ana Catarina Mendes, Birgit Sippel, Juan Fernando López Aguilar, Murielle Laurent, Francisco Assis

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Huwa meħtieġ li tissaħħaħ it-trasparenza fir-rigward tal-konklużjoni mill-Istati Membri ta' ftehimiet u arranġamenti ma' pajjiżi terzi sikuri***, sabiex l-Istati Membri u l-Kummissjoni jiġu appoġġati biex jistabbilixxu approċċ komprensiv dwar id-dimensjoni esterna tal-migrazzjoni, u biex jikkoordinaw l-isforzi tagħhom lejn pajjiżi terzi biex japplikaw il-kunċett ta' pajjiż terz sikur. Dan jippermetti wkoll il-monitoraġġ ta' jekk il-ftehimiet jew l-arranġamenti ma' pajjiżi terzi jissodisfawx il-kundizzjonijiet stabbiliti minn dan ir-Regolament. Jenħtieġ li dan jippermetti wkoll applikazzjoni aktar konsistenti u koerenti tal-kunċett ta' pajjiż terz sikur madwar l-Unjoni u jikkontribwixxi għall-funzjonament tajjeb ġenerali tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil***. Għal dan il-għan, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu meħtieġa jinfurmaw lill-Kummissjoni u lil Stati Membri oħrajn qabel il-konklużjoni ta' ***ftehimiet*** jew ***arranġamenti*** ma' pajjiżi	(6) Huwa meħtieġ li tissaħħaħ it-trasparenza fir-rigward tal-konklużjoni mill-Istati Membri ta' ftehimiet u arranġamenti ma' pajjiżi terzi sikuri. Għal dan il-għan, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu meħtieġa jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn qabel il-konklużjoni ta' ***kwalunkwe ftehim*** jew ***arranġament*** ma' pajjiżi terzi ***li jkun relatat mal-kunċett ta' pajjiż terz sikur***.

terzi.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-għadd dejjem ikber ta' ftehimiet u arranġamenti magħmula ma' pajjiżi terzi f'isem il-ġestjoni tal-migrazzjoni mhu trasparenti xejn. Jenħtieġ li l-Istati Membri jinfurmaw lill-Istati Membri l-oħra kollha u lill-Kummissjoni jekk ikunu jixtiequ jagħmlu ftehim jew arranġament li jagħmel użu mill-kunċett ta' pajjiż terz sikur.

Emenda 51
Erik Marquardt

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Huwa meħtieġ li tissaħħaħ it-trasparenza fir-rigward tal-konklużjoni mill-Istati Membri ta' ftehimiet ***u arranġamenti*** ma' pajjiżi terzi ***sikuri, sabiex l-Istati Membri u l-Kummissjoni jiġu appoġġati biex jistabbilixxu approċċ komprensiv dwar id-dimensjoni esterna tal-migrazzjoni, u biex jikkoordinaw l-isforzi tagħhom lejn pajjiżi terzi biex japplikaw il-kunċett ta' pajjiż terz sikur***. Dan jippermetti wkoll il-monitoraġġ ta' jekk il-ftehimiet ***jew l-arranġamenti*** ma' pajjiżi terzi jissodisfawx il-kundizzjonijiet stabbiliti minn dan ir-Regolament. ***Jenħtieġ li dan jippermetti wkoll applikazzjoni aktar konsistenti u koerenti tal-kunċett ta' pajjiż terz sikur madwar l-Unjoni u jikkontribwixxi għall-funzjonament tajjeb ġenerali tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil.*** Għal dan il-għan, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu meħtieġa jinfurmaw lill-Kummissjoni u lil Stati Membri oħrajn qabel il-konklużjoni ta' ftehimiet ***jew arranġamenti*** ma' pajjiżi terzi.	(6) Huwa meħtieġ li tissaħħaħ it-trasparenza fir-rigward tal-konklużjoni mill-Istati Membri ta' ftehimiet ma' pajjiżi terzi. Dan jippermetti wkoll il-monitoraġġ ta' jekk il-ftehimiet ma' pajjiżi terzi jissodisfawx il-kundizzjonijiet stabbiliti minn dan ir-Regolament. Għal dan il-għan, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu meħtieġa jinfurmaw lill-Kummissjoni***, lill-Parlament Ewropew*** u lill-Istati Membri l-oħrajn qabel il-konklużjoni ta' ftehimiet ma' pajjiżi terzi.

Or. en

Emenda 52
Fabienne Keller, Abir Al-Sahlani, Irena Joveva, Michael McNamara, Nikola Minchev

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Huwa ***meħtieġ*** li ***tissaħħaħ it-trasparenza fir-rigward tal-konklużjoni mill-Istati Membri ta'*** ftehimiet ***u arranġamenti ma'*** pajjiżi terzi sikuri***,*** ***sabiex*** l-Istati Membri u l-Kummissjoni jiġu appoġġati biex jistabbilixxu approċċ komprensiv dwar id-dimensjoni esterna tal-migrazzjoni, u biex jikkoordinaw l-isforzi tagħhom lejn pajjiżi terzi biex japplikaw il-kunċett ta' pajjiż terz sikur. Dan jippermetti wkoll il-monitoraġġ ta' jekk il-ftehimiet ***jew l-arranġamenti*** ma' pajjiżi terzi jissodisfawx il-kundizzjonijiet stabbiliti minn dan ir-Regolament. Jenħtieġ li dan jippermetti wkoll applikazzjoni aktar konsistenti u koerenti tal-kunċett ta' pajjiż terz sikur madwar l-Unjoni u jikkontribwixxi għall-funzjonament tajjeb ġenerali tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil. Għal dan il-għan, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu meħtieġa jinfurmaw lill-Kummissjoni u lil ***Stati*** Membri oħrajn ***qabel il-konklużjoni ta' ftehimiet jew arranġamenti*** ma' pajjiżi terzi.	(6) ***Il-ftehimiet ma' pajjiżi terzi sikuri għall-eżami tal-merti tat-talbiet għal protezzjoni effettiva jenħtieġ li jkunu trasparenti u jiżguraw iċ-ċertezza legali u l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali. Il-konklużjoni ta' tali ftehimiet fil-livell tal-Unjoni għandha tingħata preferenza fuq dawk bejn l-Istati Membri u l-pajjiżi terzi sikuri. Huwa meħtieġ li*** l-Istati Membri u l-Kummissjoni jiġu appoġġati biex jistabbilixxu approċċ komprensiv dwar id-dimensjoni esterna tal-migrazzjoni, u biex jikkoordinaw l-isforzi tagħhom lejn pajjiżi terzi biex japplikaw il-kunċett ta' pajjiż terz sikur. Dan jippermetti wkoll il-monitoraġġ ta' jekk il-ftehimiet ma' pajjiżi terzi jissodisfawx il-kundizzjonijiet stabbiliti minn dan ir-Regolament. Jenħtieġ li dan jippermetti wkoll applikazzjoni aktar konsistenti u koerenti tal-kunċett ta' pajjiż terz sikur madwar l-Unjoni u jikkontribwixxi għall-funzjonament tajjeb ġenerali tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil. Għal dan il-għan, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu meħtieġa jinfurmaw lill-Kummissjoni***, lill-Parlament Ewropew*** u lill-***Istati*** Membri l-oħrajn ***li jkunu daħlu f'negozjati bil-ħsieb ta' ftehim*** ma' pajjiżi terzi***, u dwar l-eżitu ta' tali negozjati***.

Or. en

Emenda 53
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Huwa meħtieġ li tissaħħaħ it-trasparenza fir-rigward tal-konklużjoni mill-Istati Membri ta' ftehimiet u arranġamenti ma' pajjiżi terzi sikuri, sabiex l-Istati Membri u l-Kummissjoni jiġu appoġġati biex jistabbilixxu approċċ komprensiv dwar id-dimensjoni esterna tal-migrazzjoni, u biex jikkoordinaw l-isforzi tagħhom lejn pajjiżi terzi biex japplikaw il-kunċett ta' pajjiż terz sikur. Dan jippermetti wkoll il-monitoraġġ ta' jekk il-ftehimiet jew l-arranġamenti ma' pajjiżi terzi jissodisfawx il-kundizzjonijiet stabbiliti minn dan ir-Regolament. Jenħtieġ li dan ***jippermetti wkoll applikazzjoni aktar konsistenti u koerenti tal-kunċett*** ta' pajjiż terz sikur ***madwar l-Unjoni u jikkontribwixxi għall-funzjonament tajjeb ġenerali tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil. Għal dan il-għan, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu meħtieġa jinfurmaw lill-Kummissjoni u lil Stati Membri oħrajn qabel il-konklużjoni ta' ftehimiet jew arranġamenti ma' pajjiżi terzi.***	(6) Huwa meħtieġ li tissaħħaħ it-trasparenza fir-rigward tal-konklużjoni mill-Istati Membri ta' ftehimiet u arranġamenti ma' pajjiżi terzi sikuri, sabiex l-Istati Membri u l-Kummissjoni jiġu appoġġati biex jistabbilixxu approċċ komprensiv dwar id-dimensjoni esterna tal-migrazzjoni, u biex jikkoordinaw l-isforzi tagħhom lejn pajjiżi terzi biex japplikaw il-kunċett ta' pajjiż terz sikur. Dan jippermetti wkoll il-monitoraġġ ta' jekk il-ftehimiet jew l-arranġamenti ma' pajjiżi terzi jissodisfawx il-kundizzjonijiet stabbiliti minn dan ir-Regolament. Jenħtieġ li dan ***jagħmilha possibbli wkoll li l-kunċett*** ta' pajjiż terz sikur ***jiġi applikat b'mod effettiv sabiex jitnaqqsu l-problemi relatati mal-migrazzjoni madwar l-Unjoni*** u ***jingħata kontribut għall-protezzjoni tal-fruntieri tal-Unjoni***

Or. fi

Emenda 54
Fabrice Leggeri, Jorge Buxadé Villalba, Tom Vandendriessche, Nikola Bartůšek, António Tânger Corrêa, Matthieu Valet, Petra Steger

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Huwa meħtieġ li tissaħħaħ it-trasparenza fir-rigward tal-konklużjoni mill-Istati Membri ta' ftehimiet u arranġamenti ma' pajjiżi terzi sikuri, ***sabiex l-Istati Membri u l-Kummissjoni jiġu appoġġati biex jistabbilixxu approċċ***	(6) Huwa meħtieġ li tissaħħaħ it-trasparenza fir-rigward tal-konklużjoni mill-Istati Membri ta' ftehimiet u arranġamenti ma' pajjiżi terzi sikuri, biex jikkoordinaw l-isforzi tagħhom lejn pajjiżi terzi biex japplikaw il-kunċett ta' pajjiż

komprensiv dwar id-dimensjoni esterna tal-migrazzjoni, u biex jikkoordinaw l-isforzi tagħhom lejn pajjiżi terzi biex japplikaw il-kunċett ta' pajjiż terz sikur. Dan jippermetti wkoll il-monitoraġġ ta' jekk il-ftehimiet jew l-arranġamenti ***ma'*** pajjiżi terzi jissodisfawx il-kundizzjonijiet stabbiliti minn dan ir-Regolament. ***Jenħtieġ li dan jippermetti wkoll applikazzjoni aktar konsistenti u koerenti tal-kunċett ta' pajjiż terz sikur madwar l-Unjoni u jikkontribwixxi għall-funzjonament tajjeb ġenerali tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil.*** Għal dan il-għan, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu meħtieġa jinfurmaw ***lill-Kummissjoni u*** lil Stati Membri oħrajn qabel il-konklużjoni ta' ftehimiet jew arranġamenti ma' pajjiżi terzi.	terz sikur. Dan jippermetti wkoll il-monitoraġġ ta' jekk il-ftehimiet jew l-arranġamenti ***bejn Stat Membru wieħed jew aktar u*** pajjiżi terzi jissodisfawx il-kundizzjonijiet stabbiliti minn dan ir-Regolament. Għal dan il-għan, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu meħtieġa jinfurmaw lill-Istati Membri l-oħrajn ***u jistgħu jinfurmaw lill-Kummissjoni*** qabel il-konklużjoni ta' ftehimiet jew arranġamenti ma' pajjiżi terzi. ***Jenħtieġ li kwalunkwe kumment li jsir mill-Kummissjoni dwar il-ftehim jew l-arranġament ma jkunx vinkolanti fuq l-Istat Membru.***

Or. en

Emenda 55
Ewa Zajączkowska-Hernik

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Huwa meħtieġ li tissaħħaħ it-trasparenza fir-rigward tal-konklużjoni mill-Istati Membri ta' ftehimiet u arranġamenti ma' pajjiżi terzi sikuri, sabiex l-Istati Membri u l-Kummissjoni jiġu appoġġati biex jistabbilixxu approċċ komprensiv dwar id-dimensjoni esterna tal-migrazzjoni, u biex jikkoordinaw l-isforzi tagħhom lejn pajjiżi terzi biex japplikaw il-kunċett ta' pajjiż terz sikur. Dan jippermetti wkoll il-monitoraġġ ta' jekk il-ftehimiet jew l-arranġamenti ma' pajjiżi terzi jissodisfawx il-kundizzjonijiet stabbiliti minn dan ir-Regolament. Jenħtieġ li dan jippermetti wkoll applikazzjoni aktar konsistenti u koerenti tal-kunċett ta' pajjiż terz sikur madwar l-Unjoni u	(6) Huwa meħtieġ li tissaħħaħ it-trasparenza fir-rigward tal-konklużjoni mill-Istati Membri ta' ftehimiet u arranġamenti ma' pajjiżi terzi sikuri, sabiex l-Istati Membri u l-Kummissjoni jiġu appoġġati biex jistabbilixxu approċċ komprensiv dwar id-dimensjoni esterna tal-migrazzjoni, u biex jikkoordinaw l-isforzi tagħhom lejn pajjiżi terzi biex japplikaw il-kunċett ta' pajjiż terz sikur. Dan jippermetti wkoll il-monitoraġġ ta' jekk il-ftehimiet jew l-arranġamenti ma' pajjiżi terzi jissodisfawx il-kundizzjonijiet stabbiliti minn dan ir-Regolament. Jenħtieġ li dan jippermetti wkoll applikazzjoni aktar konsistenti u koerenti tal-kunċett ta' pajjiż terz sikur madwar l-Unjoni u

jikkontribwixxi għall-funzjonament tajjeb ġenerali tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil. ***Għal dan il-għan,*** jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu meħtieġa jinfurmaw lill-Kummissjoni u ***lil Stati*** Membri ***oħrajn qabel il-konklużjoni ta' ftehimiet*** jew ***arranġamenti*** ma' pajjiżi terzi.	jikkontribwixxi għall-funzjonament tajjeb ġenerali tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil. Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu meħtieġa jinfurmaw lill-Kummissjoni u ***lill-Istati*** Membri ***l-oħrajn bi kwalunkwe ftehim*** jew ***arranġament*** ma' pajjiżi terzi ***qabel ma jidħol fis-seħħ jew, fil-każ ta' applikazzjoni proviżorja, qabel il-bidu tagħha***.
	Or. en

Emenda 56
Jan-Christoph Oetjen, Irena Joveva, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Abir Al-Sahlani, Hilde Vautmans

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Huwa meħtieġ li tissaħħaħ it-trasparenza fir-rigward tal-konklużjoni ***mill-Istati Membri*** ta' ftehimiet ***u arranġamenti*** ma' pajjiżi terzi sikuri, ***sabiex l-Istati Membri*** u ***l-Kummissjoni jiġu appoġġati*** biex ***jistabbilixxu*** approċċ komprensiv dwar id-dimensjoni esterna tal-migrazzjoni, u biex ***jikkoordinaw*** l-isforzi ***tagħhom*** lejn pajjiżi terzi biex japplikaw il-kunċett ta' pajjiż terz sikur. Dan jippermetti wkoll il-monitoraġġ ta' jekk il-ftehimiet jew l-arranġamenti ma' pajjiżi terzi jissodisfawx il-kundizzjonijiet stabbiliti minn dan ir-Regolament. Jenħtieġ li dan jippermetti wkoll applikazzjoni aktar konsistenti u koerenti tal-kunċett ta' pajjiż terz sikur madwar l-Unjoni u jikkontribwixxi għall-funzjonament tajjeb ġenerali tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil. Għal dan il-għan, jenħtieġ li ***l-Istati Membri jkunu*** meħtieġa ***jinfurmaw lill-Kummissjoni u lil Stati Membri oħrajn*** qabel il-konklużjoni ta' ftehimiet jew arranġamenti ma' pajjiżi terzi.	(6) Huwa meħtieġ li tissaħħaħ it-trasparenza fir-rigward tal-konklużjoni ta' ftehimiet ***tal-UE*** ma' pajjiżi terzi sikuri, ***li jissodisfaw il-kriterji elenkati fl-Artikolu 59(1) tar-Regolament (UE) 2024/1348*** u ***jkunu konformi mal-Artikolu 59(7), ħalli l-Kummissjoni tiġi appoġġata*** biex ***tistabbilixxi*** approċċ komprensiv dwar id-dimensjoni esterna tal-migrazzjoni, u biex ***tgħaqqad*** l-isforzi lejn pajjiżi terzi biex japplikaw il-kunċett ta' pajjiż terz sikur. Dan jippermetti wkoll il-monitoraġġ ta' jekk il-ftehimiet jew l-arranġamenti ma' pajjiżi terzi jissodisfawx il-kundizzjonijiet stabbiliti minn dan ir-Regolament. Jenħtieġ li dan jippermetti wkoll applikazzjoni aktar konsistenti u koerenti tal-kunċett ta' pajjiż terz sikur madwar l-Unjoni u jikkontribwixxi għall-funzjonament tajjeb ġenerali tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil. Għal dan il-għan, jenħtieġ li ***l-Kummissjoni tkun*** meħtieġa ***tinforma lill-Istati Membri u lill-Parlament Ewropew*** qabel il-konklużjoni ta' ftehimiet jew arranġamenti ma' pajjiżi terzi.

Or. en

Emenda 57
Nadine Morano

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Huwa meħtieġ li ***tissaħħaħ it-trasparenza fir-rigward tal-konklużjoni mill-Istati Membri*** ta' ftehimiet u arranġamenti ma' pajjiżi terzi sikuri, sabiex l-Istati Membri u l-Kummissjoni jiġu appoġġati biex jistabbilixxu approċċ komprensiv dwar id-dimensjoni esterna tal-migrazzjoni, u biex jikkoordinaw l-isforzi tagħhom lejn pajjiżi terzi biex japplikaw il-kunċett ta' pajjiż terz sikur. Dan jippermetti wkoll il-monitoraġġ ta' jekk il-ftehimiet jew l-arranġamenti ma' pajjiżi terzi jissodisfawx il-kundizzjonijiet stabbiliti minn dan ir-Regolament. Jenħtieġ li dan jippermetti wkoll applikazzjoni aktar konsistenti u koerenti tal-kunċett ta' pajjiż terz sikur madwar l-Unjoni u jikkontribwixxi għall-funzjonament tajjeb ġenerali tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil. Għal dan il-għan, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu meħtieġa jinfurmaw lill-Kummissjoni u lil Stati Membri oħrajn qabel il-konklużjoni ta' ftehimiet jew arranġamenti ma' pajjiżi terzi.	(6) Huwa meħtieġ li ***jiżdied l-għadd*** ta' ftehimiet u arranġamenti ***konklużi mill-Istati Membri*** ma' pajjiżi terzi sikuri, sabiex l-Istati Membri u l-Kummissjoni jiġu appoġġati biex jistabbilixxu approċċ komprensiv dwar id-dimensjoni esterna tal-migrazzjoni, u biex jikkoordinaw l-isforzi tagħhom lejn pajjiżi terzi biex japplikaw il-kunċett ta' pajjiż terz sikur. Dan jippermetti wkoll il-monitoraġġ ta' jekk il-ftehimiet jew l-arranġamenti ma' pajjiżi terzi jissodisfawx il-kundizzjonijiet stabbiliti minn dan ir-Regolament. Jenħtieġ li dan jippermetti wkoll applikazzjoni aktar konsistenti u koerenti tal-kunċett ta' pajjiż terz sikur madwar l-Unjoni u jikkontribwixxi għall-funzjonament tajjeb ġenerali tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil. Għal dan il-għan, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu meħtieġa jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn qabel il-konklużjoni ta' ftehimiet jew arranġamenti ma' pajjiżi terzi. ***Il-Kummissjoni jenħtieġ li tappoġġa dan l-approċċ.***

Or. fr

Emenda 58
Erik Marquardt

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jindirizzaw ir-riskju li l-applikanti li għalihom qed jiġi applikat il-kunċett ta' pajjiż terz sikur jaħarbu, inkluż billi jirrestringu l-libertà tal-moviment skont l-Artikolu 9 tad-Direttiva (UE) 2024/1346 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[2], jew billi jżommu l-applikant ikkonċernat f'detenzjoni f'konformità mal-Artikolu 10 tagħha, sabiex jivvalutaw l-ammissibbiltà tal-applikazzjonijiet.	***imħassar***
[2] Id-Direttiva (UE) 2024/1346 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 li tistabbilixxi l-istandards dwar l-akkoljenza ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali (ĠU L, 2024/1346, 22.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1346/oj)	

Or. en

Emenda 59
Tomáš Zdechovský

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jindirizzaw ir-riskju li l-applikanti li għalihom qed jiġi applikat il-kunċett ta' pajjiż terz sikur jaħarbu, inkluż billi jirrestringu l-libertà tal-moviment skont l-Artikolu 9 tad-Direttiva (UE) 2024/1346 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[2], jew billi jżommu l-applikant ikkonċernat f'detenzjoni f'konformità mal-Artikolu 10 tagħha, sabiex jivvalutaw l-ammissibbiltà	(7) Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jindirizzaw ir-riskju li l-applikanti li għalihom qed jiġi applikat il-kunċett ta' pajjiż terz sikur jaħarbu, inkluż billi jirrestringu l-libertà tal-moviment skont l-Artikolu 9 tad-Direttiva (UE) 2024/1346 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[2], jew billi jżommu l-applikant ikkonċernat f'detenzjoni f'konformità mal-Artikolu 10 tagħha, sabiex jivvalutaw l-ammissibbiltà

tal-applikazzjonijiet.	tal-applikazzjonijiet***, u jenħtieġ li jiżguraw li l-proċeduri ta' ritorn jinbdew immedjatament ladarba deċiżjoni ta' inammissibbiltà ssir infurzabbli, f'konformità sħiħa mal-prinċipju ta' non-refoulement***.
[2] Id-Direttiva (UE) 2024/1346 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 li tistabbilixxi l-istandards dwar l-akkoljenza ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali (ĠU L, 2024/1346, 22.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1346/oj).	[2] Id-Direttiva (UE) 2024/1346 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 li tistabbilixxi l-istandards dwar l-akkoljenza ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali (ĠU L, 2024/1346, 22.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1346/oj).

Or. en

Emenda 60
Jan-Christoph Oetjen, Irena Joveva, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Abir Al-Sahlani, Michael McNamara, Hilde Vautmans

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jindirizzaw ir-riskju li l-applikanti li għalihom qed jiġi applikat il-kunċett ta' pajjiż terz sikur jaħarbu, inkluż billi jirrestringu l-libertà tal-moviment skont l-Artikolu 9 tad-Direttiva (UE) 2024/1346 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[2], jew billi jżommu l-applikant ikkonċernat f'detenzjoni f'konformità mal-Artikolu 10 tagħha, sabiex jivvalutaw l-ammissibbiltà tal-applikazzjonijiet.	(7) Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jindirizzaw ir-riskju li l-applikanti li għalihom qed jiġi applikat il-kunċett ta' pajjiż terz sikur jaħarbu, inkluż billi jirrestringu l-libertà tal-moviment skont l-Artikolu 9 tad-Direttiva (UE) 2024/1346 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[2], ***bħala miżura tal-aħħar għażla,*** jew billi jżommu l-applikant ikkonċernat f'detenzjoni f'konformità mal-Artikolu 10 tagħha, sabiex jivvalutaw l-ammissibbiltà tal-applikazzjonijiet.
[2] Id-Direttiva (UE) 2024/1346 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 li tistabbilixxi l-istandards dwar l-akkoljenza ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali (ĠU L,	[2] Id-Direttiva (UE) 2024/1346 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 li tistabbilixxi l-istandards dwar l-akkoljenza ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali (ĠU L,

2024/1346, 22.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1346/oj).

2024/1346, 22.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1346/oj).

Or. en

Emenda 61
Ewa Zajączkowska-Hernik

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jieħdu l-miżuri meħtieġa biex ***jindirizzaw ir-riskju*** li l-applikanti li għalihom qed jiġi applikat il-kunċett ta' pajjiż terz sikur jaħarbu, inkluż billi jirrestringu l-libertà tal-moviment skont l-Artikolu 9 tad-Direttiva (UE) 2024/1346 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[2], jew billi jżommu l-applikant ikkonċernat f'detenzjoni f'konformità mal-Artikolu 10 tagħha, sabiex jivvalutaw l-ammissibbiltà tal-applikazzjonijiet.	(7) Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jieħdu l-miżuri ***kollha*** meħtieġa biex ***jipprevjenu r-riskju*** li ***jaħarbu*** l-applikanti li għalihom qed jiġi applikat il-kunċett ta' pajjiż terz sikur jaħarbu, inkluż billi jirrestringu l-libertà tal-moviment skont l-Artikolu 9 tad-Direttiva (UE) 2024/1346 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[2], jew billi jżommu l-applikant ikkonċernat f'detenzjoni f'konformità mal-Artikolu 10 tagħha, sabiex jivvalutaw l-ammissibbiltà tal-applikazzjonijiet.
[2] Id-Direttiva (UE) 2024/1346 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 li tistabbilixxi l-istandards dwar l-akkoljenza ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali (ĠU L, 2024/1346, 22.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1346/oj).	[2] Id-Direttiva (UE) 2024/1346 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 li tistabbilixxi l-istandards dwar l-akkoljenza ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali (ĠU L, 2024/1346, 22.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1346/oj).

Or. en

Emenda 62
Fabienne Keller, Jan-Christoph Oetjen, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Abir Al-Sahlani, Irena Joveva, Nikola Minchev

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Sabiex tissaħħaħ l-effiċjenza proċedurali, jenħtieġ li l-applikant ma jkollux dritt awtomatiku li jibqa' fit-territorju ta' Stat Membru għall-fini ta' appell kontra d-deċiżjonijiet ta' inammissibbiltà meħuda abbażi tal-kunċett ta' pajjiż terz sikur. Madankollu, l-infurzar tad-deċiżjoni ta' ritorn korrispondenti jrid jiġi sospiż matul it-terminu li fih il-persuna kkonċernata tista' teżerċita d-dritt tagħha għal rimedju effettiv quddiem qorti tal-prim'istanza u meta tali appell jiġi ppreżentat fejn ikun hemm riskju ta' ksur tal-prinċipju ta' non-refoulement.	***imħassar***

Or. en

Emenda 63
Ana Catarina Mendes, Birgit Sippel, Juan Fernando López Aguilar, Murielle Laurent, Francisco Assis

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Sabiex tissaħħaħ l-effiċjenza proċedurali, jenħtieġ li l-applikant ma jkollux dritt awtomatiku li jibqa' fit-territorju ta' Stat Membru għall-fini ta' appell kontra d-deċiżjonijiet ta' inammissibbiltà meħuda abbażi tal-kunċett ta' pajjiż terz sikur. Madankollu, l-infurzar tad-deċiżjoni ta' ritorn korrispondenti jrid jiġi sospiż matul it-terminu li fih il-persuna kkonċernata tista' teżerċita d-dritt tagħha għal rimedju effettiv quddiem qorti tal-prim'istanza u meta tali appell jiġi ppreżentat fejn ikun hemm riskju ta' ksur tal-prinċipju ta' non-refoulement.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-ġustifikazzjoni tal-Kummissjoni biex jitneħħa l-effett sospensiv hija li dan jippermetti li "individwi jitkeċċew mit-territorju tal-UE waqt li l-appell tagħhom ikun pendenti". Minħabba li ma hemm l-ebda dispożizzjoni ddedikata għal dak li għandu jseħħ jekk l-appell ta' individwu jkollu eżitu favorevoli, peress li l-Kummissjoni nnifisha tiddikjara li l-persuni ma għandhomx jiġu ttrasferiti meta jkun hemm riskju ta' refoulement f'dak il-pajjiż terz, jew riskju ta' dannu serju jew trattament inuman jew degradanti f'dak il-pajjiż terz, u peress li l-koleġiżlaturi ddeċidew biss sena ilu fil-Patt li jżommu l-effett sospensiv fir-rigward ta' appelli kontra deċiżjonijiet ibbażati fuq il-kunċett ta' pajjiż terz sikur preċiżament minħabba r-riskju ta' refoulement meta ma ssir l-ebda valutazzjoni tal-merti, din il-ġustifikazzjoni bl-ebda mod ma hi konvinċenti.

Emenda 64
Ewa Zajączkowska-Hernik

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Sabiex tissaħħaħ l-effiċjenza proċedurali, jenħtieġ li l-applikant ma jkollux dritt awtomatiku li jibqa' fit-territorju ta' Stat Membru għall-fini ta' appell kontra d-deċiżjonijiet ta' inammissibbiltà meħuda abbażi tal-kunċett ta' pajjiż terz sikur. Madankollu, l-infurzar tad-deċiżjoni ta' ritorn korrispondenti jrid jiġi sospiż matul it-terminu li fih il-persuna kkonċernata tista' teżerċita d-dritt tagħha għal rimedju effettiv quddiem qorti tal-prim'istanza ***u meta*** tali appell ***jiġi ppreżentat*** fejn ***ikun hemm riskju*** ta' ***ksur tal-prinċipju ta' non-refoulement***.	(8) Sabiex tissaħħaħ l-effiċjenza proċedurali, jenħtieġ li l-applikant ma jkollux dritt awtomatiku li jibqa' fit-territorju ta' Stat Membru għall-fini ta' appell kontra d-deċiżjonijiet ta' inammissibbiltà meħuda abbażi tal-kunċett ta' pajjiż terz sikur. Madankollu, l-infurzar tad-deċiżjoni ta' ritorn korrispondenti jrid jiġi sospiż matul it-terminu li fih il-persuna kkonċernata tista' teżerċita d-dritt tagħha għal rimedju effettiv quddiem qorti tal-prim'istanza***. Jekk jiġi ppreżentat*** tali appell***, is-sospensjoni tal-infurzar jenħtieġ li tingħata biss f'ċirkostanzi eċċezzjonali u debitament ġustifikati,*** meta ***evidenza kredibbli tindika li t-tneħħija tikser direttament l-obbligi*** ta' ***protezzjoni internazzjonali tal-Istat Membru***.

Or. en

Emenda 65
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Sabiex tissaħħaħ l-effiċjenza proċedurali, jenħtieġ li l-applikant ma jkollux dritt awtomatiku li jibqa' fit-territorju ta' Stat Membru għall-fini ta' appell kontra d-deċiżjonijiet ta' inammissibbiltà meħuda abbażi tal-kunċett ta' pajjiż terz sikur. Madankollu, l-infurzar tad-deċiżjoni ta' ritorn korrispondenti jrid jiġi sospiż matul it-terminu li fih il-persuna kkonċernata tista' teżerċita d-dritt tagħha għal rimedju ***effettiv*** quddiem qorti tal-prim'istanza u meta tali appell jiġi ppreżentat ***fejn ikun hemm riskju ta' ksur tal-prinċipju ta' non-refoulement***.	(8) Sabiex tissaħħaħ l-effiċjenza proċedurali, jenħtieġ li l-applikant ma jkollux dritt awtomatiku li jibqa' fit-territorju ta' Stat Membru għall-fini ta' appell kontra d-deċiżjonijiet ta' inammissibbiltà meħuda abbażi tal-kunċett ta' pajjiż terz sikur. Madankollu, l-infurzar tad-deċiżjoni ta' ritorn korrispondenti jrid jiġi sospiż matul it-terminu li fih il-persuna kkonċernata tista' teżerċita d-dritt tagħha għal rimedju ***legali*** quddiem qorti tal-prim'istanza u meta tali appell jiġi ppreżentat.

Or. fi

Emenda 66
Erik Marquardt

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Sabiex tissaħħaħ l-effiċjenza proċedurali, jenħtieġ li l-applikant ***ma jkollux*** dritt awtomatiku li jibqa' fit-territorju ta' Stat Membru għall-fini ta' appell kontra d-deċiżjonijiet ta' inammissibbiltà meħuda abbażi tal-kunċett ta' pajjiż terz sikur. ***Madankollu,*** l-infurzar tad-deċiżjoni ta' ritorn korrispondenti jrid jiġi sospiż matul it-terminu li fih il-persuna kkonċernata tista' teżerċita d-dritt tagħha għal rimedju effettiv quddiem qorti ***tal-prim'istanza*** u meta tali appell jiġi ppreżentat ***fejn ikun hemm riskju ta' ksur tal-prinċipju ta' non-refoulement***.	(8) Sabiex tissaħħaħ l-effiċjenza proċedurali ***u jiġi żgurat id-dritt għal rimedju effettiv***, jenħtieġ li l-applikant ***dejjem ikollu*** dritt awtomatiku li jibqa' fit-territorju ta' Stat Membru għall-fini ta' appell kontra d-deċiżjonijiet ta' inammissibbiltà meħuda abbażi tal-kunċett ta' pajjiż terz sikur. L-infurzar tad-deċiżjoni ta' ritorn korrispondenti jrid jiġi sospiż matul it-terminu li fih il-persuna kkonċernata tista' teżerċita d-dritt tagħha għal rimedju effettiv quddiem qorti u meta tali appell jiġi ppreżentat.

Or. en

Emenda 67
Erik Marquardt

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Dan ir-Regolament ***jirrispetta d-drittijiet*** fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.	(12) Dan ir-Regolament ***irid jiġi applikat b'rispett sħiħ tad-drittijiet*** fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ***u mid-dritt internazzjonali rilevanti***.

Or. en

Emenda 68
Fabienne Keller, Irena Joveva, Nikola Minchev

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt -1a (ġdid)
Regolament (UE) 2024/1348
Artikolu 57 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(-1a) Fl-Artikolu 57, jiżdied il-paragrafu li ġej:
	'3. Minbarra l-paragrafi 1 u 2, pajjiż terz għandu jitqies li jiżgura protezzjoni effettiva meta jkun hemm ftehim pubbliku u vinkolanti bejn l-Unjoni jew Stat Membru u dak il-pajjiż terz li jipprevedi salvagwardji li t-talbiet għal protezzjoni effettiva se jiġu eżaminati fuq il-merti. Tali ftehimiet jistgħu jiġu applikati biss għal applikanti li jkollhom konnessjoni mal-pajjiż rispettiv. Il-konnessjoni bejn l-applikant u l-pajjiż terz sikur għandha titqies stabbilita meta l-membri tal-familja tal-applikant ikunu preżenti f'dak il-pajjiż, meta l-applikant ikun irrisjeda jew qagħad f'dak il-pajjiż qabel, jew meta

	jkollu rabtiet oħra ma' dan il-pajjiż, bħall-istess lingwa jew lingwa simili, l-istess reliġjon jew rabtiet kulturali u ġeografiċi oħra. Tali ftehimiet għandu jkun fihom klawżola ta' sospensjoni fil-każ ta' ksur sistemiku tad-drittijiet fundamentali u nuqqas ta' għoti ta' protezzjoni effettiva lill-applikanti. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra mingħajr dewmien żejjed li huma jkunu daħlu f'negozjati bil-ħsieb ta' tali ftehim, u dwar l-eżitu ta' dawk in-negozjati. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jiżguraw il-monitoraġġ tal-ftehimiet konklużi bejn Stat Membru u pajjiż terz.";

Or. en

Emenda 69
Jan-Christoph Oetjen, Irena Joveva, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Abir Al-Sahlani, Michael McNamara, Hilde Vautmans

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt -1a (ġdid)
Regolament (UE) 2024/1348
Artikolu 59 – paragrafu 2

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(-1a) L-Artikolu 59(2) huwa sostitwit b'dan li ġej:
2. Id-dežinjazzjoni ta' pajjiż terz bħala pajjiż terz sikur kemm fil-livell tal-Unjoni kif ukoll fil-livell nazzjonali tista' ssir b'eċċezzjonijiet għal ***partijiet speċifiċi tat-territorju tiegħu jew*** kategoriji ta' persuni identifikabbli b'mod ċar.	"2. Id-dežinjazzjoni ta' pajjiż terz bħala pajjiż terz sikur kemm fil-livell tal-Unjoni kif ukoll fil-livell nazzjonali tista' ssir b'eċċezzjonijiet għal kategoriji ta' persuni identifikabbli b'mod ċar."

Or. en

Emenda 70
Fabienne Keller, Jan-Christoph Oetjen, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Abir Al-Sahlani, Irena Joveva, Nikola Minchev

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt a
Regolament (UE) 2024/1348
Artikolu 59 – paragrafu 5 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:	***imħassar***
" (b) tiġi ssodisfata waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:	
i) ikun hemm konnessjoni bejn l-applikant u l-pajjiż terz ikkonċernat, li abbażi tagħha jkun raġonevoli għalih li jmur f'dak il-pajjiż;	
ii) l-applikant ikun għadda mill-pajjiż terz ikkonċernat;	
iii) ikun hemm ftehim jew arranġament mal-pajjiż terz ikkonċernat li jirrikjedi l-eżami tal-merti tat-talbiet għal protezzjoni effettiva magħmula mill-applikanti soġġetti għal dak il-ftehim jew l-arranġament. '	

Or. en

Emenda 71
Erik Marquardt

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt a
Regolament (UE) 2024/1348
Artikolu 59 – paragrafu 5 – punt b – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) tiġi ssodisfata ***waħda mill-kundizzjonijiet*** li ***ġejjin***:	(b) ***jekk*** tiġi ssodisfata ***l-kundizzjoni*** li ***ġejja***:

Or. en

Emenda 72
Ewa Zajączkowska-Hernik

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt a
Regolament (UE) 2024/1348
Artikolu 59 – paragrafu 5 – punt b – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
i) ikun hemm konnessjoni bejn l-applikant u l-pajjiż terz ikkonċernat, li abbażi tagħha jkun raġonevoli għalih li jmur f'dak il-pajjiż;	***imħassar***

Or. en

Emenda 73
Jan-Christoph Oetjen, Irena Joveva, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Abir Al-Sahlani, Hilde Vautmans

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt a
Regolament (UE) 2024/1348
Artikolu 59 – paragrafu 5 – punt b – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
i) ikun hemm konnessjoni bejn l-applikant u l-pajjiż terz ikkonċernat, li abbażi tagħha jkun raġonevoli għalih li jmur f'dak il-pajjiż***;**	i) ikun hemm konnessjoni bejn l-applikant u l-pajjiż terz ikkonċernat, li abbażi tagħha jkun raġonevoli għalih li jmur f'dak il-pajjiż ***u li tista' titqies stabbilita b'mod partikolari meta membri tal-familja tal-applikant ikunu preżenti f'dak il-pajjiż jew meta l-applikant ikun irrisjeda jew qagħad f'dak il-pajjiż. It-tranżitu minn applikant għal protezzjoni internazzjonali minn pajjiż terz ma jistax jikkostitwixxi konnessjoni suffiċjenti;***

Or. en

Emenda 74
Erik Marquardt

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt a

Regolament (UE) 2024/1348
Artikolu 59 – paragrafu 5 – punt b – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
i) ikun hemm konnessjoni bejn l-applikant u l-pajjiż terz ikkonċernat, li abbażi tagħha jkun raġonevoli għalih li jmur f'dak il-pajjiż;	i) ikun hemm konnessjoni***, jiġifieri rabta ġenwina,*** bejn l-applikant u l-pajjiż terz ikkonċernat, li abbażi tagħha jkun raġonevoli għalih li jmur f'dak il-pajjiż;

Or. en

Emenda 75
Ana Catarina Mendes, Birgit Sippel, Juan Fernando López Aguilar, Murielle Laurent, Francisco Assis

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt a
Regolament (UE) 2024/1348
Artikolu 59 – paragrafu 5 – punt b – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
ii) l-applikant ikun għadda mill-pajjiż terz ikkonċernat;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-564/18 LH sostniet b'mod ċar li t-tranżitu waħdu ma jikkostitwixxix konnessjoni ma' pajjiż terz.

Emenda 76
Erik Marquardt

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt a
Regolament (UE) 2024/1348
Artikolu 59 – paragrafu 5 – punt b – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
ii) l-applikant ikun għadda mill-pajjiż terz ikkonċernat;	***imħassar***

Or. en

Emenda 77
Ana Catarina Mendes, Birgit Sippel, Juan Fernando López Aguilar, Murielle Laurent, Francisco Assis

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt a
Regolament (UE) 2024/1348
Artikolu 59 – paragrafu 5 – punt b – punt iii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
iii) ikun hemm ftehim jew arranġament mal-pajjiż terz ikkonċernat li jirrikjedi l-eżami tal-merti tat-talbiet għal protezzjoni effettiva magħmula mill-applikanti soġġetti għal dak il-ftehim jew l-arranġament.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ma hemm l-ebda proporzjonalità għal dispożizzjoni li tagħmel l-aċċess għall-ażil fl-Unjoni lotterija skont l-Istat Membru li fih issir dik l-applikazzjoni u jekk isirx użu minn dispożizzjoni li tippermetti r-rifjut tal-ażil abbażi ta' arranġamenti mhux vinkolanti – u mhux magħrufa mill-pubbliku ġenerali – ma' kwalunkwe pajjiż terz fid-dinja. Għall-Istati Membri li jistgħu jagħżlu li japplikaw tali dispożizzjoni, dan jimmarka t-tmiem tad-dritt għall-ażil f'dak l-Istat Membru, bi ksur tad-dritt primarju tal-UE

Emenda 78
Erik Marquardt

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt a
Regolament (UE) 2024/1348
Artikolu 59 – paragrafu 5 – punt b – punt iii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
iii) ikun hemm ftehim jew arranġament mal-pajjiż terz ikkonċernat li jirrikjedi l-eżami tal-merti tat-talbiet għal protezzjoni effettiva magħmula mill-	***imħassar***

applikanti soġġetti għal dak il-ftehim jew l-arranġament.

Or. en

Emenda 79
Nicola Procaccini, Alessandro Ciriani

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt a
Regolament (UE) 2024/1348
Artikolu 59 – paragrafu 5 – punt b – punt iii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iii) ikun hemm ftehim jew arranġament ***mal-pajjiż*** terz ikkonċernat li jirrikjedi l-eżami tal-merti ***tat-talbiet*** għal protezzjoni effettiva magħmula mill-applikanti ***soġġetti għal*** dak il-ftehim jew l-arranġament.	(iii) ikun hemm ftehim jew arranġament ***konklużbejn l-Unjoni, jew Stat Membru wieħed jew aktar jew Stat Membru wieħed jew aktar u pajjiżi terzi, minn naħa waħda, u l-pajjiż*** terz ikkonċernat***, min-naħa l-oħra,*** li jirrikjedi l-eżami tal-merti ***ta' kwalunkwe talba*** għal protezzjoni effettiva ***fil-pajjiż terz*** magħmula mill-applikanti ***koperti minn*** dak il-ftehim jew l-arranġament.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Iż-żieda għandha l-għan li tevita li tiġi ppreġudika kwalunkwe konfigurazzjoni futura potenzjali ta' kooperazzjoni.

Emenda 80
Ewa Zajączkowska-Hernik

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt a
Regolament (UE) 2024/1348
Artikolu 59 – paragrafu 5 – punt b – punt iii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
iii) ikun hemm ftehim jew arranġament ***mal-pajjiż*** terz ikkonċernat li jirrikjedi l-	iii) ikun hemm ftehim jew arranġament ***konklużbejn l-Unjoni jew Stat Membru***

eżami tal-merti ***tat-talbiet*** għal protezzjoni effettiva magħmula mill-applikanti soġġetti għal dak il-ftehim jew l-arranġament.

wieħed jew aktar u l-pajjiż terz ikkonċernat li jirrikjedi l-eżami tal-merti ***ta' kwalunkwe talba*** għal protezzjoni effettiva magħmula mill-applikanti soġġetti għal dak il-ftehim jew l-arranġament.

Or. en

Emenda 81
Fabrice Leggeri, Jorge Buxadé Villalba, Jaroslav Bžoch, Tom Vandendriessche, Nikola Bartůšek, António Tânger Corrêa, Matthieu Valet, Petra Steger

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt a
Regolament (UE) 2024/1348
Artikolu 59 – paragrafu 5 – punt b – punt iii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
iii) ikun hemm ftehim jew arranġament ***mal-pajjiż*** terz ikkonċernat li jirrikjedi l-eżami tal-merti tat-talbiet għal protezzjoni effettiva magħmula mill-applikanti soġġetti għal dak il-ftehim jew l-arranġament.	iii) ikun hemm ftehim jew arranġament ***bejn Stat Membru wieħed jew aktar u l-pajjiż*** terz ikkonċernat li jirrikjedi l-eżami tal-merti tat-talbiet għal protezzjoni effettiva magħmula mill-applikanti soġġetti għal dak il-ftehim jew l-arranġament.

Or. en

Emenda 82
Fabienne Keller, Abir Al-Sahlani, Irena Joveva, Nikola Minchev

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt aa (ġdid)
Regolament (UE) 2024/1348
Artikolu 59 – paragrafu 5 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) jiżdied il-punt li ġej:
	"(ba) l-applikant ikun għadda mill-pajjiż terz ikkonċernat, dment li jkun hemm rabta ta' konnessjoni bejn l-applikant u l-pajjiż ta' tranżitu, u li jkun qagħad għal perjodu ta' żmien sinifikanti fit-territorju

tal-pajjiż terz li minnu jkun għadda. .';

Or. en

Emenda 83
Erik Marquardt

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt b – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ***jiżdiedu ż-żewġ subparagrafi*** li ***ġejjin***:	(b) ***jiżdied is-subparagrafu*** li ***ġej***:

Or. en

Emenda 84
Nadine Morano

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt b – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ***jiżdiedu ż-żewġ subparagrafi*** li ***ġejjin***:	(b) ***jiżdied il-paragrafu*** li ***ġej***:

Or. fr

Emenda 85
Nadine Morano

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt b
Regolament (UE) 2024/1348
Artikolu 59 – paragrafu 5 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fl-applikazzjoni tal-ewwel paragrafu, il-punt (b), l-aħjar interessi tat-tfal għandhom ikunu kunsiderazzjoni	***imħassar***

primarja. L-ewwel paragrafu, il-punt (b)(iii), ma għandux japplika fejn l-applikant ikun minuri mhux akkumpanjat.

Or. fr

Emenda 86
Ewa Zajączkowska-Hernik

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt b
Regolament (UE) 2024/1348
Artikolu 59 – paragrafu 5 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fl-applikazzjoni tal-ewwel paragrafu, il-punt (b), l-aħjar interessi tat-tfal għandhom ikunu kunsiderazzjoni primarja. L-ewwel paragrafu, il-punt (b)(iii), ma għandux japplika fejn l-applikant ikun minuri mhux akkumpanjat.	Fl-applikazzjoni tal-ewwel paragrafu, il-punt (b), l-aħjar interessi tat-tfal għandhom ikunu kunsiderazzjoni primarja. L-ewwel paragrafu, il-punt (b)(iii), ma għandux japplika meta l-applikant ikun minuri mhux akkumpanjat***, sakemm ma jkunx hemm raġunijiet raġonevoli biex jitqies li l-minuri joħloq riskju għas-sigurtà nazzjonali, għall-ordni pubbliku, jew għas-sikurezza ta' ħaddieħor***.

Or. en

Emenda 87
Fabrice Leggeri, Jorge Buxadé Villalba, Jaroslav Bžoch, Tom Vandendriessche, Nikola Bartůšek, António Tânger Corrêa, Matthieu Valet, Petra Steger

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt b
Regolament (UE) 2024/1348
Artikolu 59 – paragrafu 5 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fl-applikazzjoni tal-ewwel paragrafu, il-punt (b), l-aħjar interessi tat-tfal għandhom ikunu kunsiderazzjoni primarja. ***L-ewwel paragrafu, il-punt (b)(iii), ma għandux***	Fl-applikazzjoni tal-ewwel paragrafu, il-punt (b), l-aħjar interessi tat-tfal għandhom ikunu kunsiderazzjoni primarja.

japplika fejn l-applikant ikun minuri mhux akkumpanjat.

Or. en

Emenda 88
Erik Marquardt

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt b
Regolament (UE) 2024/1348
Artikolu 59 – paragrafu 5 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fl-applikazzjoni tal-ewwel paragrafu, il-punt (***b***), l-aħjar interessi tat-tfal għandhom ikunu kunsiderazzjoni primarja. ***L-ewwel paragrafu, il-punt (b)(iii), ma għandux japplika fejn l-applikant ikun minuri mhux akkumpanjat.***	Fl-applikazzjoni tal-ewwel paragrafu, il-punt (***a***), l-aħjar interessi tat-tfal għandhom ikunu kunsiderazzjoni primarja.

Or. en

Emenda 89
Ana Catarina Mendes, Birgit Sippel, Juan Fernando López Aguilar, Murielle Laurent, Francisco Assis

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt b
Regolament (UE) 2024/1348
Artikolu 59 – paragrafu 5 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fl-applikazzjoni tal-ewwel paragrafu, il-punt (b), l-aħjar interessi tat-tfal għandhom ikunu kunsiderazzjoni primarja***.*** L-ewwel paragrafu, il-punt (b)***(iii)***, ma għandux japplika fejn l-applikant ikun minuri ***mhux akkumpanjat***.	***Peress li*** l-aħjar interessi tat-tfal għandhom ikunu kunsiderazzjoni primarja***,*** l-ewwel paragrafu, il-punt (b), ma għandux japplika meta l-applikant ikun minuri.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-minuri kollha huma vulnerabbli. Huwa propju minħabba f'hekk li għandna l-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal. Il-Kummissjoni tipproponi li fil-proposta tagħha dwar ir-Ritorn teskludi lill-minuri mhux akkumpanjati u lill-familji b'minuri miċ-Ċentri ta' Ritorn. Huwa diffiċli li wieħed jifhem kif din id-dispożizzjoni għandha tiġi ttrattata b'mod differenti.

Emenda 90
Jan-Christoph Oetjen, Irena Joveva, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Abir Al-Sahlani, Michael McNamara, Hilde Vautmans

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt b
Regolament (UE) 2024/1348
Artikolu 59 – paragrafu 5 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fl-applikazzjoni tal-ewwel paragrafu, il-punt (b), l-aħjar interessi tat-tfal għandhom ikunu kunsiderazzjoni primarja. L-ewwel paragrafu, ***il-punt*** (b)(***iii***)***, ma għandux japplika fejn l-applikant ikun*** minuri mhux akkumpanjat.	Fl-applikazzjoni tal-ewwel paragrafu, il-punt (b), l-aħjar interessi tat-tfal għandhom ikunu kunsiderazzjoni primarja. L-ewwel paragrafu, ***il-punti*** (b)(***ii***) ***u (iii), m'għandhomx japplikaw għal*** minuri mhux akkumpanjat ***jew familji b'minuri***.

Or. en

Emenda 91
Fabienne Keller, Abir Al-Sahlani, Irena Joveva, Nikola Minchev

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt b
Regolament (UE) 2024/1348
Artikolu 59 – paragrafu 5 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fl-applikazzjoni tal-ewwel ***paragrafu***, ***il-punt*** (b), l-aħjar interessi tat-tfal għandhom ikunu kunsiderazzjoni primarja. L-ewwel ***paragrafu***, il-punt (***b)(iii***), ma għandux japplika fejn l-applikant ikun minuri mhux akkumpanjat.	Fl-applikazzjoni tal-ewwel ***subparagrafu***, ***il-punti*** (b***) u (c***), l-aħjar interessi tat-tfal għandhom ikunu kunsiderazzjoni primarja. L-ewwel ***subparagrafu***, il-punt (***c***), ma għandux japplika meta l-applikant ikun minuri mhux akkumpanjat.

Or. en

Emenda 92
Fabienne Keller, Abir Al-Sahlani, Irena Joveva, Nikola Minchev

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt b
Regolament (UE) 2024/1348
Artikolu 59 – paragrafu 5 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn qabel ma jikkonkludu ftehim jew arranġament kif imsemmi fl-ewwel paragrafu, il-punt (b)(iii).	***imħassar***

Or. en

Emenda 93
Erik Marquardt

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt b
Regolament (UE) 2024/1348
Artikolu 59 – paragrafu 5 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn qabel ma jikkonkludu ftehim jew arranġament kif imsemmi fl-ewwel paragrafu, il-punt (b)(iii).	***imħassar***

Or. en

Emenda 94
Ewa Zajączkowska-Hernik

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt b
Regolament (UE) 2024/1348
Artikolu 59 – paragrafu 5 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri ***l-oħrajn qabel ma jikkonkludu*** ftehim jew arranġament ***kif imsemmi fl-ewwel*** paragrafu, il-punt (b)(iii).	L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri ***l-oħrajn bi kwalunkwe*** ftehim jew arranġament ***bilaterali konkluż skont l-ewwel*** paragrafu, il-punt (b)(iii)***, qabel ma jidħol fis-seħħ jew, f'każijiet ta' applikazzjoni proviżorja, qabel il-bidu ta' tali applikazzjoni proviżorja***.

Or. en

Emenda 95
Nadine Morano

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt b
Regolament (UE) 2024/1348
Artikolu 59 – paragrafu 5 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn qabel ma jikkonkludu ftehim jew arranġament kif imsemmi fl-ewwel paragrafu, il-punt (b)(iii).	L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn qabel ma jikkonkludu ftehim jew arranġament kif imsemmi fl-ewwel paragrafu, il-punt (b)(iii). ***Il-Kummissjoni għandha tappoġġa lill-Istati Membri li jikkonkludu tali ftehim jew arranġament.***

Or. fr

Emenda 96
Jan-Christoph Oetjen, Irena Joveva, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Abir Al-Sahlani, Michael McNamara, Hilde Vautmans

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt b
Regolament (UE) 2024/1348
Artikolu 59 – paragrafu 5 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom ***jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn qabel ma jikkonkludu ftehim jew arranġament kif imsemmi fl-ewwel paragrafu, il-punt (b)(iii)***.	***Il-ftehimiet dwar pajjiżi terzi sikuri, f'konformità mal-Artikolu 59(1) tar-Regolament (UE) 2024/1348,*** għandhom ***jiġu konklużi fil-livell tal-Unjoni skont l-Artikolu 59(7) tiegħu. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri u lill-Parlament Ewropew qabel ma tikkonkludi ftehim***.

Or. en

Emenda 97
Ana Catarina Mendes, Birgit Sippel, Juan Fernando López Aguilar, Murielle Laurent, Francisco Assis

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt b
Regolament (UE) 2024/1348
Artikolu 59 – paragrafu 5 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn qabel ma jikkonkludu ftehim jew arranġament ***kif imsemmi fl-ewwel*** paragrafu, il-punt (b***)(iii***).	L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn qabel ma jikkonkludu ***kwalunkwe*** ftehim jew arranġament ***ma' pajjiż terz bil-ħsieb li jimplimentaw l-ewwel*** paragrafu, il-punt (b).

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-għadd dejjem ikbar ta' ftehimiet u arranġamenti ma' pajjiżi terzi f'isem il-ġestjoni tal-migrazzjoni mhu trasparenti xejn. Jenħtieġ li l-Istati Membri jinfurmaw l-Istati Membri l-oħrajn kollha u lill-Kummissjoni jekk ikunu jixtiequ jagħmlu ftehim jew arranġament li jagħmel użu mill-kunċett ta' pajjiż terz sikur.

Emenda 98
Fabrice Leggeri, Jorge Buxadé Villalba, Tom Vandendriessche, Nikola Bartůšek, António Tânger Corrêa, Matthieu Valet, Petra Steger

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt b
Regolament (UE) 2024/1348
Artikolu 59 – paragrafu 5 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jinfurmaw ***lill-Kummissjoni u*** lill-Istati Membri l-oħrajn qabel ma jikkonkludu ftehim jew arranġament kif imsemmi fl-ewwel paragrafu, il-punt (b)(iii).	L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Istati Membri l-oħrajn***, u jekk ikunu jixtiequ lill-Kummissjoni,*** qabel ma jikkonkludu ftehim jew arranġament kif imsemmi fl-ewwel paragrafu, il-punt (b)(iii).

Or. en

Emenda 99
Ana Catarina Mendes, Birgit Sippel, Juan Fernando López Aguilar, Murielle Laurent, Francisco Assis

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1a (ġdid)
Regolament (UE) 2024/1348
Artikolu 67 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) L-Artikolu 67(7) huwa sostitwit b'dan li ġej:
	"L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu fid-dritt nazzjonali tagħhom għall-applikanti, għall-persuni soġġetti għall-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali u għall-persuni rikonoxxuti bħala eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, skeda ta' żmien ta' bejn minimu ta' ġimagħtejn u massimu ta' xahar biex jippreżentaw appell quddiem awtorità ġudizzjarja tal-ewwel istanza."

Or. en

Ġustifikazzjoni

Peress li l-applikanti għall-ażil li jiġu miċħuda l-ażil fl-ewwel istanza għandhom, skont ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil, jirċievu d-deċiżjoni ta' ritorn tagħhom flimkien maċ-

ċaħda tal-ażil, hemm bżonn li l-iskedi ta' żmien għall-preżentazzjoni tal-appelli bejn ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil u r-Regolament dwar ir-Ritorn propost jiġu ssimplifikati. Fl-istess ħin, is-separazzjoni tas-setgħat, li hija ċentrali għall-istat tad-dritt fl-Istati Membri, jeħtieġ li tiġi rispettata. Barra minn hekk, sabiex jiġi żgurat li d-dispożizzjonijiet fl-Artikolu 17(3) tar-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil ikunu jistgħu jintużaw b'mod effettiv minn applikant (li jkun ukoll is-suġġett ta' deċiżjoni ta' ritorn), il-perjodu ta' żmien għall-preżentazzjoni ta' appell jeħtieġ li jirrifletti d-dritt li wieħed ikollu assistenza legali mingħajr ħlas fil-proċedura ta' appell.

Emenda 100
Erik Marquardt

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2024/1348
Artikolu 68 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Fl-Artikolu 68(3), il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:	***imħassar***
" (b) deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni bħala inammissibbli skont l-Artikolu 38(1), il-punt (a), (b), (d) jew (e), jew l-Artikolu 38(2), ħlief meta l-applikant ikun minuri mhux akkumpanjat soġġett għall-proċedura fuq il-fruntiera. '	

Or. en

Emenda 101
Ana Catarina Mendes, Birgit Sippel, Juan Fernando López Aguilar, Murielle Laurent, Francisco Assis

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2024/1348
Artikolu 68 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Fl-Artikolu 68(3), il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:	***imħassar***
" (b) deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni	

bħala inammissibbli skont l-Artikolu 38(1), il-punt (a), (b), (d) jew (e), jew l-Artikolu 38(2), ħlief meta l-applikant ikun minuri mhux akkumpanjat soġġett għall-proċedura fuq il-fruntiera. ’

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-ġustifikazzjoni tal-Kummissjoni għat-tneħħija tal-effett sospensiv hija li din tippermetti li “individwi jitkeċċew mit-territorju tal-UE waqt li l-appell tagħhom ikun pendenti”. Minħabba li ma hemm l-ebda dispożizzjoni ddedikata għal dak li għandu jseħħ jekk l-appell ta’ individwu jkollu eżitu favorevoli, peress li l-Kummissjoni nnifisha tiddikjara li l-persuni ma għandhomx jiġu ttrasferiti meta jkun hemm riskju ta’ refoulement f’dak il-pajjiż terz, jew riskju ta’ dannu serju jew trattament inuman jew degradanti f’dak il-pajjiż terz, u peress li l-koleġiżlaturi ddeċidew biss sena ilu fil-Patt li jżommu effett sospensiv fir-rigward ta’ appelli kontra deċiżjonijiet ibbażati fuq il-kunċett ta’ pajjiż terz sikur preċiżament minħabba r-riskju ta’ refoulement meta ma ssir l-ebda valutazzjoni tal-merti, din il-ġustifikazzjoni bl-ebda mod ma hi konvinċenti.

Emenda 102
Fabienne Keller, Jan-Christoph Oetjen, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Abir Al-Sahlani, Irena Joveva, Nikola Minchev

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2024/1348
Artikolu 68 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Fl-Artikolu 68(3), il-punt (b) huwa sostitwit b’dan li ġej:	***imħassar***
“ (b) deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni bħala inammissibbli skont l-Artikolu 38(1), il-punt (a), (b), (d) jew (e), jew l-Artikolu 38(2), ħlief meta l-applikant ikun minuri mhux akkumpanjat soġġett għall-proċedura fuq il-fruntiera. ’	

Or. en

Emenda 103
Fabienne Keller, Jan-Christoph Oetjen, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Abir

Al-Sahlani, Irena Joveva, Nikola Minchev

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.	Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. ***Dan ir-Regolament għandu japplika mit-12 ta' Ġunju 2026.***

Or. en